# IL-PULIZIJA




UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

*Vol. 6 No. 4*




In 1975 Mid-Med Bank Limited was established to take over the business of Barclays Bank International Limited in Malta and Gozo. Barclays had originally taken over, 50 years earlier, the business of the Anglo-Egyptian Bank, which bank had been established in Malta since 1881! So, in reality, though we are only 10 years old, our foundations were laid over 100 years ago.

Since its formation in 1975 Mid-Med has increased Customers' Funds by 137% and Advances to customers by 88% – a truly remarkable growth!

Mid-Med Bank Limited

**HEAD OFFICE – 233 REPUBLIC STREET**
**VALLETTA**
**MALTA**

*The 10-year old Bank with over 100 years of experience*

# IL-PULIZIJA

LULJU/AWISSU 1986

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: Surġent Joe Calleja

Bord Editorjali: Spettur N. Schembri; J. Agius; Surġent Maġġur E. Bellia; Surġent Maġġur A. Tanti; Surġent 419 A. Sciortino, Surġent 578 M. Saliba.


**KOPERTINA:**

Membri tal-Mobile Squad tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta f'waħda mill-vetturi tagħhom waqt Patrol f'Tas-Sliema

## EDITORJAL

# FIDUĊJA — IVA JEW LE?

*Il-Board Editorjali għal darba oħra reġa' ħass il-ħtieġa li jsemma' leħnu dwar l-akkużi li ta' spiss qegħdin isiru f'ġurnali lokali lill-Korp tal-Pulizija. Meta d-diska ma tkunx fuq xi demostrazzjoni, tkun fuq l-'inefficjenza' tal-Pulizija, u meta ma tkunx fuq xi waħda minn dawn it-tnejn tkun fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, fuq il-brutalità u fuq it-tortura.*

*Ftit tal-ġranet ilu l-editorjal ta' wieħed mill-ġurnali lokali kien tratta b'mod profond u imparzjali fuq kif isiru l-investigazzjonijiet u tfittxijiet meta jkun hemm persuni li ma nstabux. Huwa qal hekk: "L-investigazzjonijiet iridu jsiru bl-akbar serjetà. Nafu kif barra jsiru dawn it-tfittxijiet u l-investigazzjonijiet b'mijiet ta' Pulizija megħjuna bi klieb u helicopters ifittxu pied pied u meta jinstabu xi ħjiel it-tfittxija tkun tabilħaqq intensiva. Imma jsir hekk fejn hemm Pulizija serja u ta' l-affari tagħha. Il-poplu Malti jippretendi serjetà mill-Korp tal-Pulizija. Ċerti affarijet li qed jara, bħal ħafna delitti u serq mhux solvut, kif ukoll issa bis-sejbien ta' kadavri u t-tfittxija għal nies nieqsa, tellfu l-fiduċja tal-popli fil-Pulizija. Fiduċja li l-Pulizija trid tibni biex issaħħaħ il-kooperazzjoni li teħtieġ mill-pubbliku. Ħażin li l-pubbliku jkun mifni minn dubji. Dubji u sfiduċja li la l-Pulizija u lanqas il-komunità m'għandhom bżonnhom."*

*Aħna konna nippreferu li naqraw kif isiru l-investigazzjonijiet u tfittxijiet hawn Malta milli kif isiru barra minn Malta. Iżda l-editur ipprefera li dan iħallih barra għax l-iskop tiegħu huwa li jpinġi lill-Pulizija Maltija bħala Korp inefficjenti u bla fiduċja. Dan l-editur suppost jaf li l-Pulizija tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha bir-reqqa u bis-serjetà u li investigazzjonijiet ta' din in-natura ma jieħdux tlett kwarti jew siegħa bħal ma naraw fuq it-television.*

*Din ma hiex l-ewwel darba li dan l-editur permezz tal-ġurnal tiegħu kiteb fuq il-Pulizija u x-xogħol tagħna. Il-kritika distruttiva u malinja ma tonqos qatt u huwa proprju dan il-ġurnal li qiegħed fuq quddiem biex jagħmel minn kollox biex jisfiduċja lill-Korp tal-Pulizija. Id-dubji li huwa semma' huma dubji li huwa stess qiegħed ta' spiss jipprova jdaħħal f'moħħ iċ-ċittadini biex ma jikkoperawx mal-Pulizija. Dawn id-dubji ma jeżistux u żgur li s'issa għadu ma wasalx fejn jixtieq għax il-kooperazzjoni mill-pubbliku aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qiegħda tikber.*

*Sfortunatament hemm nies oħra li għalkemm imisshom jafu aħjar, u dawn jafu x'irridu ngħidu, jikkritikaw lill-Pulizija u lid-diriġenti*

**•Ikompli f'paġna 2**

## F'Din il-Ħarġa


Għas-Servizz tal-Poplu ....... 2
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ....... 3
Aħbarijiet u Tagħrif mill-Korp tal-Pulizija ....... 4
Malta Police Mounted Section ....... 5/19
Visit by I.P.A. British Members from Thames Valley Police ....... 6
Sub-Aqua Diving – A New Experience for the Handicapped ....... 7/8
Iż-Żnajbar – wieħed fqir fil-Belt ....... 9/10
Nies Magħrufa ....... 11
The History of Photography ....... 12/13
Il-Mobile Squad tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta ... 14/15
Hobbies ....... 16
Mid-Dinja Mużikali ....... 17/18
Kompetizzjoni bil-Premju ....... 18
Legal Notes ....... 19
Paġna għat-Tfal ....... 20
Xogħol fil-Knisja ta' San Publiju l-Furjana ....... 21
Mill-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija ....... 22/23
Serology: Body Fluid Identification ....... 24
Sports ....... 25/26



Parti mill-esibiti fli Stand waqt it-Trade Fair 1986.



Il-membri li ħadu ħsieb li Stand waqt it-Trade Fair, flimkien mas-Surġent Joe Calleja (fin-nofs)

# Għas-Servizz tal-Poplu

## Stand tal-Korp tal-Pulizija fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta

**□ Il-Motto tal-Pulizija GĦAS-SERVIZZ TAL-POPLU kien attrazzjoni mhux tas-soltu fl-aħħar Fiera Internazzjonali ta' Malta fin-Naxxar. Għall-ewwel darba, il-Korp tal-Pulizija tella' wirja fuq skala nazzjonali sabiex il-poplu Malti jkun jista' japprezza aħjar ix-Xogħol tal-Pulizija waqt id-dmirijiet tagħna. Kienu ħafna dawk in-nies li żaru din il-wirja, u aħna lkoll apprezzajna l-kummenti sbieħ li dawn għamlu.**

Il-wirja kienet immirata mill-Pulizija għall-pubbliku sabiex dawn ta' l-aħħar jaraw b'għajnejhom ir-rejaltà dwar ix-xogħol tal-Pulizija. Sabiex il-pubbliku jara kif il-Pulizija tgħin lis-soċjetà.

Ritratti sbieħ u attrajenti kienu esibiti sabiex wieħed ikun jista' aktar jifhem u japprezza x-xogħol tagħna. Mezzi li l-Pulizija tuża waqt il-qadi ta' dmirijietha kienu wkoll esibiti. Films dwar il-Pulizija u attivitajiet oħra tal-pulizija kienu wkoll attrazzjoni kbira għall-pubbliku. Wirjiet mill-Klieb tal-Pulizija kif ukoll iż-Żwiemel tal-Kavallerija u l-grupp Mużikali żammew din il-wirja aktar ħajja u ta' klassi għaliha. Kien hemm ukoll Pulizija sħabna li kienu fuq il-post waqt il-wirja pronti jirrispondu domandi tal-pubbliku.

Wirjiet bħal dawn huma ferm importanti fir-relazzjonijiet tagħna l-pulizija mas-soċjetà Maltija. Forsi hemm bżonn ta' aktar minn dawn ix-xorta ta' wirjiet. Iżda dan żgur li ma jkunx biżżejjed.

Hemm bżonn ukoll li kull membru tal-Korp jagħti sehmu billi kemm waqt il-ħin tal-ħidma tiegħu kif ukoll fil-ħin liberu tiegħu jagħti eżempju tas-serjetà fil-Korp tal-Pulizija. Hemm bżonn li s-soċjetà tagħna nuruha li aħna d-difensuri tagħha fil-ħajja ta' kuljum u li kull membru tal-Korp ikun lest biex jagħti l-għajnuna tiegħu għall-ġid tas-Soċjetà.

Min-naħa tagħha, is-soċjetà għandha tifhem il-ħtieġa ta' koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Pulizija u l-Pubbliku. Jekk il-Pubbliku ma jgħinx lill-Korp tal-Pulizija, il-Pulizija ma tistax tagħmel dmirha kif mixtieq. L-effiċjenza tal-Korp tal-Pulizija tiddependi ħafna fuq il-Koperazzjoni tal-Pubbliku għax meta wieħed ikun qiegħed jgħin lill-Pulizija jkun qiegħed jgħin lilu nnifsu u lis-soċjetà inġenrali.

Aħna ninsabu ċerti li r-rabta bejn il-Korp u s-Soċjetà qeda dejjem tikber kif fil-fatt deher ċar ħafna mill-kummenti tal-pubbliku li żar il-Wirja tagħna fil-Fiera tan-Naxxar.

## Editorjal: FIDUĊJA — IVA JEW LE?

*•Ikompli minn paġna 2*

*tagħha mingħajr ma jinformaw ruħhom sewwa qabel. L-Avukat Joe Brincat dan l-aħħar ġie kkwotat li qal fis-seduta tal-Parlament tas-16 ta' Lulju 1986 li l-flus li nġabru għall-Pulizija li kienu sfaw vittma ta' splużjoni ta' bomba fl-Għassa ta' tas-Sliema għadhom ma tqassmux għaliex kien hemm dewmien bla bżonn u allura dan kien abbuż tal-fiduċja ta' dawk li taw il-flus. Diġà saret press release fuq dak li qal l-Avukat Joe Brincat u aħna nħossu li kieku dan talab l-informazzjoni qabel u qies dak li qal il-Prim Ministru f'risposta għal interpellanza parlamentari, dan ma kienx jitkellem kif tkellem.*

*Aħna ninsabu persważi li hemm differenza bejn dak li jinkiteb mill-editur li semmejna qabel li jipprova jtellef il-fiduċja tal-poplu fil-Pulizija, u dak li qal l-Avukat J. Brincat għal raġunijiet differenti li jafhom hu biss. Hija ipokresija li f'nifs tgħid li l-Pulizija tinħtieġ il-fiduċja tal-poplu biex tagħmel ix-xogħol tagħha u f'nifs ieħor tgħid ħafna gideb u nofs veritajiet fuqha. Aħna nwegħdu li minn issa 'l quddiem, permezz ta' dan il-magazine li bih żgur nistgħu nwasslu leħinna għan-nom tal-Korp mingħajr ebda xkiel, nagħmlu minn kollox biex dawn il-qlajjiet nikkumbattuhom bl-akbar ħeġġa u jekk ikun hemm bżonn nesponu bl-akbar mod ċar l-ipokresija w nuqqas ta' serjetà ta' min igħidhom.*


Sèleco
è grande.
sèleco
GRANDE ELETTRONICA EUROPEA

# How do you make an excellent car, better?

## THIS IS HOW FORD ANSWERED THE QUESTION :

***Why is the new Orion a car with a touch of class?***
Because it's the perfect blend of classical styling with advanced engineering.

***How does the Orion's anti-corrosion process receive a shock treatment?***
It includes a 240,000 volt electrical charge which attracts primer paint to all of the car's nooks and crannies.

***Why can't you see a seperate radio aerial on the Orion Ghia's models?***
Because it's cleverly integrated with the heated rear window, so it's vandal-proof and no trouble in the car wash.

***Why does the Orion have that characteristic lip on the boot lid?***
Because it reduces drag and turbulence.

***When should you switch off the Orion's heated rear window?***
Never! It automatically switches itself off to help save fuel.

***Why are the Orion's front seat belts so comfortable and convenient?***
Because their frame-mounted buckles move backwards and forwards with the seats.

***What makes the Orion's long-life exhaust system so durable?***
The use of high-quality materials, like stainless steel and aluminized steel.

***How do the hydraulic tappets in Orion's CVH engine save you money?***
By cutting out the need for valve adjustments during routine services.

***What's the link between Big Ben and the Orion's electrical breakerless ignition?***
Both give precise timing!

***Why is the new Orion so safe even when it's parked?***
Because it has special high-security chubb locks.

***How can Orion's optional anti-locking braking system safeguard you and your no-claims bonus?***
The system helps the driver to retain steering control and maintain vehicle stability under heavy braking.

***Who hates the new Orion?***
Every car thief, because of Orion's new high-security locks.

***Why is the new Orion a more level-headed car?***
Because the improved front suspension reduces front end lift or dive during hard acceleration or braking.

***What's unusual about the Orion's rear suspension?***
It's a fully-independent system - the sort you usually find on larger, more expensive cars.

***Why is the Orion so roomy - especially in the rear?***
Because the front-wheel drive takes up the minimum of space and the angle of the rear seat back is further reclined, this leaves more room for passengers and luggage.

***What changes have been made inside?***
Tasteful new environmental trim colours blend with hard wearing fabrics to create a pleasant and comfortable interior.

***Why is the Orion Ghia's key such a bright idea?***
Because it incorporates a tiny torch!

SEE IT AT:
**Gasan Enterprises Ltd**
**Ford Showrooms, Pietà**
**Tel: 622847, 228124**

**Gozo Garage**
**5, Xagħra Road, Victoria,**
**Gozo Tel: 551866**

ORION




Gasan
Group of Companies

Ford

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

RAPPORT MIS-SURĠENT
**RAYMOND ZAMMIT**
SEGRETARJU ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

## L-'Extra Duty'

Fl-aħħar laqgħa tal-Assoċjazzjoni matul Mejju, kienet ġiet diskussa għal darb'oħra l-'Extra Duty' wara li reġgħet bdiet tinħadem minn Marzu li għadda. Fost id-diversi punti li ġew diskussi kien hemm ovvjament il-mistoqsija għal darb'oħra dwar il-ħlas dovut għall-'Extra Duty' ta' qabel 1983. Dwar dan il-punt il-membri ġew imfakkra li l-passi biex dan il-ħlas isir għandhom qed jittieħdu mill-awtoritajiet.

Punti oħra li tqajjmu waqt din il-laqgħa kienu jinkludu li wara tlitt snin li l-'Extra Duty' kienet ilha wieqfa, jidher li issa l-opportunitajiet ta' 'Extra Duty' naqsu għalkemm il-postijiet fejn tinħadem għadhom eżistenti. Jiġifieri, li fejn qabel kienu jintalbu Pulizija fuq 'Extra' dawn m'għandhomx jintalbu jew mhux kullimkien bħal ngħidu aħna, fi swali tat-tiġijiet, postijiet tad-divertiment bħal discos eċċ. Barra min hekk, intqal ukoll li fejn dawn jintalbu n-numru ta' Pulizija 'Extra' mhux ikun kumpatibbli man-numru ta' nies li jiffrikwentaw dawn il-postijiet b'detriment għal Pulizija stess f'każ ta' neċessità ta' intervent tagħhom kif ukoll ma jirriflettix tajjeb fuq l-effiċjenza f'każ fejn ikollha bżonn taġixxi.

Dwar dawn iż-żewġ punti – li l-'Extra' m'hiex tintalab f'ċerti postijiet bħal qabel u l-ieħor dwar in-numru ta' Pulizija li għandhom jattendu – saret diskussjoni twila fejn bosta wrew l-opinjoni tagħhom u flimkien kulħadd irrifletta dwarhom fid-dawl ta' x'inhi l-Policy tad-dipartiment u x'jgħidu r-regolamenti dwar il-postijiet tad-divertiment fost oħrajn.

Fil-laqgħa ġie mfakkar li fil-liċenzja tal-Pulizija li tinħareġ għal dawn il-postijiet, talanqas fil-passat kien ikun hemm bħala kundizzjoni li numru ta' Pulizija jridu jattendu bi ħlas f'numru deċiż mis-Suprintendent inkarigat mid-distrett fid-diskrizzjoni tiegħu. Barra minn hekk, inġibdet l-attenzjoni wkoll tal-membri li għandu jiġi ssuġġerit lill-awtoritajiet tal-Pulizija sabiex jinħarġu struzzjonijiet biex tiġi applikata l-Policy kif intqal aktar qabel u din tkun bħala kundizzjoni fil-liċenzja.

Dan kollu qed jingħad bi skop li l-opportunitajiet ta' l-Extra jibqgħu kif kienu qabel jekk forsi ma jistgħux jiżdiedu. Suġġeriment ieħor li sar kien biex id-detail officers jiġu mfakkra dwar iċ-ċirkulari li tirrigwardja l-'Extra' u ssemmi li għandu jinżamm fejn jidher rendikont tas-siegħat li jinħadmu minn kull individwu kull xahar sal-limitu ta' 65, u li dan juri proporzjon bejn kull membru għal matul ix-xahar kollu.

Dwar dawn il-punti, minn hawn nixtiequ niġbdu l-attenzjoni ta' kull min hu konċernat sabiex is-sistema tkun aħjar u ta' benefiċċju għas-sodisfazzjon tal-membri, barra minn dan, l-assoċjazzjoni qed tinforma lill-awtoritajiet formalment.

Fl-istess laqgħa l-membri ġew imfakkra dwar id-diversi talbiet li għadhom pendenti għax bosta talbu jekk kienx hemm xi risposti.

## — IL-PENSJONI

Dan l-aħħar dehru diversi kitbiet f'xi ġurnali dwar id-dritt ta' pensjoni għall-membri tal-korp tal-Pulizija kif ukoll xi interpellanzi fil-Parlament fuq is-suġġett. Nafu li dan hu suġġett ta' importanza kbira għal kull membru, minn rekluta sa l-aktar anzjani. Il-bdil neċessarju fil-liġijiet li jirregolaw il-pensjoni, id-dritt ta' pensjoni f'età aktar bikrija kif ukoll id-dritt għax-xogħol wara, għal min ikun irid, huma l-opinjoni u x-xewqa ta' kulħadd. Dan dejjem deher ċar u bla eċċezzjoni kull meta ssir xi diskussjoni dwar dan is-suġġett kemm formalment fi ħdan l-assoċjazzjoni tagħna kif ukoll, meta ngħid kelmtejn bejnietna.

Dan qed ngħiduh biex ma jkunx hawn xi ħadd li jaħseb li l-assoċjazzjoni qatt ma esprimiet ruħha dwar dan is-suġġett. Altru minn hekk, kif jaf kulħadd, l-assoċjazzjoni ppreparat diversi punti biex tressaqhom għal diskussjonijiet quddiem il-Prim Ministru, u naturalment wieħed minn dawn il-punti huwa proprju dwar il-pensjoni.

Dawn il-punti ġew imressqa kollha quddiem l-awtoritajiet flimkien ma' talba għal-laqgħa mal-Prim Ministru li għadha mistennija ferm b'ħerqa kbira.

Kif qegħdin fuq is-suġġett tal-pensjoni, tajjeb li wieħed jiftakar f'xi punti importanti dwar kif tista' tingħata pensjoni f'każi li jinkludu:

(a) Is-servizz pensjonabbli huwa magħdud li jinkludi kull perjodu ta' xogħol u kull perjodu ta' 'leave' bi ħlas sħiħ jew b'nofs paga. Kull 'leave' ieħor jitnaqqas mill-perjodu ta' servizz pensjonabbli.

(b) Pensjoni tista' tingħata f'każ ta' uffiċjal li daħal fil-Korp wara t-18 ta' Jannar, 1962 meta jew wara li jilħaq l-età ta' 55 sena jew, jekk jagħlaq 25 sena servizz fil-korp, meta jew wara l-età ta' 50 sena.

(c) Pensjoni tista' tingħata f'każ ta' uffiċċjal li daħal fil-korp qabel id-19 ta' Jannar, 1962 meta jew wara li jilħaq l-età ta' 50 sena jew wara 25 sena servizz. (Ara artikli: 6.3.2.2; 6.3.2.4; 6.3.7.1; ta' l-Estacode u Art. 2 tal-Pension Regs.)

## — L-EŻAMIJIET

Għal darb'oħra saret sejħa għall-applikazzjonijiet għall-eżami għall-promozzjoni fil-grad ta' spettur. L-eżamijie bdew appena spiċċaw oħrajn. Mill-ġdid nawguraw suċċess lill-applikanti kollha. Għadu kif ġie ppublikat ir-riżultat ta' l-eżami preċedenti u minn din il-pagna għandna l-pjaċir nawguraw għall-futur lil dawk li kellhom suċċess; lis-surġenti 1011 B Mula; 1345 R Zammit u 201 R Caruana kif ukoll lis-Sur Antoine Casha.

## — ŻEWĠ NOTI TA' OSSERVAZZJONI

Kull min din is-sena żar il-fiera fin-Naxxar żgur li ħa l-okkażjoni biex iżur it-taqsima li ġiet imtella mill-Puliziaj taħt il-motto "Għas-Servizz tal-Poplu". Kienu bosta l-kummenti li smajna dwar il-mod organizzat kif ġiet ippreżentata din il-wirja, li tgħin biex il-pubbliku jifhem aktar ix-xogħol fejjiedi tal-korp fil-komunità. Osservajna wkoll titjib fil-preżentazzjoni tal-Magazin.

# This one's for me. diet Coke.

*Now for you in Malta*
*the great taste of diet Coke ...*
*the real Cola taste with just*
*ONE CALORIE.*
*For looking good and*
*feeling good.*
*The taste is right. It's diet Coca-Cola.*






Great taste. ONE CALORIE.

*'diet Coke' and 'diet Coca-Cola' are trade marks of the Coca-Cola Company*


INDOOR — OUTDOOR
DOUBLE DISCOTHEQUE
DOUBLE DJ's
UNIQUE IN MALTA
NEWLY REDECORATED
Vibes
Tal-Balal Crossroad L/o San Gwann Tel: 515220


GHAL SAJDA BLA NKWIET
Frejgatini tas-Sajd
RLR
'Gozzo'
b'makni
VOLVO
PENTA
RLR LTD. 156, Ta'Xbiex Seafront, Gzira - Malta. Tel: 335591, 331192, 331563

### AVVIŻI U TAGĦRIF ĠENERALI MILL-MEMBRI TAL-KORP TAL-PULIZIJA F'DAN IL-MAGAZINE

Il-Bord Editorjali ta' dan il-magazine iddeċieda li f'din il-paġna jibdew jidhru avviżi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Dawn l-avviżi jistgħu jkunu dwar avvenimenti ta' l-istess membri jew familjari tagħhom – bħal okkażjonijiet ta' Għerusija, Żwieġ, Anniversarji, Twelid eċċ.

Jiġu aċċettati wkoll avviżi dwar Bejgħ jew Tpartit ta' oġġetti li l-valur tagħhom ma jkunx wieħed eċċessiv. Dawn l-avviżi jidhru f'din il-paġna mingħajr ħlas.

### IL-MAGAZINE "IL-PULIZIJA" BIL-POSTA

Minħabba l-fatt li dan il-magazine sar xi tibdil fih f'rigward il-pustaġġ tiegħu lil membri tal-Korp u abbonati oħra, fejn dan issa qiegħed isir bil-compjuter rigward l-indirizzi fuq ir-wrappers, huwa importanti li jekk isir xi tibdil fl-indirizz minn dawk li qegħdin jirċievu dan il-magazine, dawn jgħarrfuna mill-aktar fis possibbli.

## *Żewġ ħamimiet*

Passiġġata kont qiegħed nagħmel
qalb is-siġar f'ħemda u kwiet
tnejn ilmaħt bil-ferħ itiru
dawn kienu żewġ ħamimiet.

F'daqqa waħda l-ferħ spiċċa
kaċċatur taħt il-ħajt tfaċċa
malli 'l dawn lemaħ itiru,
qal, "dawn illum hawn kaċċa.

In-nar għal fuqhom fetaħ
it-tnejn mejta niżlu fl-art
ħasra għalihom, għal dawn ġitni
meta rajthom mifruxin fl-art.

Ara naqra x'fija d-dinja
lanqas fl-għoli ma tista tkun
għax l-għedewwa kullimkien
isbhom
anki jekk tkun beċċun.

"ŻEWĠ ĦAMIMIET".

# AĦBARIJIET U TAGĦRIF

### TAGĦRIF MEDIKU MIT-TABIB TAL-KORP

F'din il-paġna se nagħtu l-faċilità lil dawk li jixtiequ xi tagħrif dwar problemi mediċi. Filwaqt li t-tabib tal-Korp tal-Pulizija se jirrispondi dawn il-mistoqsijiet li tagħmlulu u jagħti tagħrif ġenerali, kull korrispondenza f'dan ir-rigward se tinżamm bl-akbar segretezza

### ĦLAS GĦALL-KONTRIBUZZJONIJIET TA' ARTIKOLI FIL-MAGAZINE "IL-PULIZIJA"

Nixtiequ navżaw lill-membri tal-Korp li dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu xi artikoli għal dan il-magazine, dan issa se jibda jsir b'rinumerazzjoni adekwata min-naħa tal-Bord Editorjali.

### APPELL LIL MIN HU KONĊERNAT

Sur Editur, 22.6.86

**Nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' min hu responsabbli biex it-tazzi, banners, u anke kits tal-football kif ukoll footballs, jingħataw lura lit-team tal-Pulizija mill-ex membru tal-Kumitat PC 1108 D. Cassar. Fuq kollox il-ħafna trophies u tifkiriet li ntrebħu, dawn kollha ġew bis-saħħa tat-team. Mhux sewwa li dawn it-tifkiriet jiġu miżmuma d-dar ta' ex-membru, imma għandhom jinġabru f'post ġewwa l-Headquarters biex il-membri kollha tal-Korp ikunu jistgħu jarawhom.**

Nixtieq ngħid ukoll li dan l-aħħar it-team tal-Pulizija ħa ritratt bix-Shield (Frank Ghio). X'sar mit-tazza tan-K.O.? Din għaliex qed tinżamm minn dan l-istess membru tal-Korp id-dar tiegħu?

B'liema awtorità t-tazzi kollha ta' kull tournament (Militari), u banners ta' teamijiet barranin ġew miżmuma għand din il-persuna?

Forsi kienu jafdaw wisq il-membri tal-Kumitat!

Issa smajna li l-Korp tal-Pulizija se jieħu sehem fi Stand it-Trade Fair. Nisperaw li dawk it-tazzi kollha u banners jiġu esposti f'dan li Stand.

Wara kollox, sagrifiċċju kbir kien sar mill-players biex irbaħna ħafna unuri f'dawn l-aħħar snin.

Nappella lil min jieħu ħsieb l-isports fil-Korp tal-Pulizija, biex issa jaraw u jindagaw fuq l-aħħar rekluti li daħlu fil-Korp, sabiex jieħdu post pulizija anzjani li issa nħoss li taw biżżejjed għajnuna fil-kamp sportiv, u ta' dan nixtieq nirringrazzjahom għall-isem sabiħ li huma għamlu lill-Korp tal-Pulizija.

PLAYER

**Nota tal-Bord Editorjali:**

Kopja ta' din l-ittra ntbagħtet liċ-Chairman ta' li Sports Committee tal-Pulizija, u lis-Segretarju tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija. Fil-fatt, l-oġġetti msemmija fl-ittra ta' "Player", wara li saru l-kuntatti meħtieġa, ġew ritornati fil-Headquarters tal-Pulizija u ġew ukoll esibiti fil-Padiljun tagħna fil-Malta Trade Fair ta' din is-sena. Dawn l-oġġetti issa se jinżammu f'lokal fejn jiddeċiedi li Sport Committee tal-Korp tagħna.

### RINGRAZZJAMENT

Sur Editur,

Għal min ma jafx għal dawn l-aħħar ħames xhur kelli nħalli Malta biex immur nakkumpanja lil binti ġewwa l-isptar l-Ingilterra għal kura speċjali. Illum nżżi ħajr 'l Alla erġajt ninsab Malta, ferħan u kuntent li fejjaqt lit-tifla. Għalhekk, jien nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fil-ġabra li saret lili fit-taqsima tat-traffiku fix-xahar ta' Ġunju li s-somma telgħet għal Lm67. Nirringrazzja wkoll il-kumitat tal-Welfare tal-Pulizija li għogbu jsellifni Lm500.

Grazzi ħafna
**PC 851 J. ZARB**
**Fire Brigade**
**Corradino**

# MALTA POLICE MOUNTED SECTION

**By Sergeant Major J. SAMMUT**



*One of the Malta Police Corps Mounted Police Section's first-class horses.*

**☐ THE origin of the Mounted Section dates back to before the World War II. In those days the Section was housed at the Knightshall (now the Mediterranean Congress Centre) but after the war it was transferred to its present premises at Marsa.**

Recently, with the cooperation of the present Commissioner, the Mounted Section has undergone a major comprehensive improvement. The stables have been modernised, self-drinkers were introduced and stainless steel doors have replaced the old wooden ones. The main passage side walls were converted to mosaic thus rendering them attractive and hygienic.

Last year twenty-one horses ranging between three to seven years of age have been brought from three different studs from Ireland to replace those horses which had grown old and were no longer suitable for police work.

Whereas the old horses had been half hunters these horses are a breed of three-fourths hunters and one-fourth jumpers and all of them are over sixteen hands. Most of them had already been broken for ordinary mounting but most of the other horse skills such as the trot, turning a horse during movement, teaching a horse to carry his rider in a collected and well-balanced manner, the canter, the halt, whip and spurs, etc have been carried out by this Section's personnel. Even horse-shoeing which used to be carried out by private persons is nowadays being effected by Mounted personnel.

It is opportune to point out that these horses are in general very sensitive animals and more often than not react adversely if ridden by different hands. They get used to the same tone of voice, the usual handling of reins and other skills used by the riders. With this end in view each policeman at this Section has his own horse to groom, ride and train.

In Malta, as in other countries, the Mounted Section is responsible for providing horses for ceremonial activities. The most important function attended is the official ceremony on the National Day when male and female police riders escort H.E. The President of the Republic along Republic Street to the Palace Square.

## HORSE SHOWS

The Mounted Section participates also in horse shows organised from time to time by different bodies. Seven police horses have recently taken part in the Spring Festival organised by the Department of Agriculture and held at Ta' Qali. The riders performed a dressage and demonstrated various skills in horse-riding.

However, the most important function of the Mounted Section is crowd-control. Agitated crowds at horse races, football matches, election campaigns and any riots that may occur are best controlled on horseback. In view of this, riders at the Mounted Section exercise their horses in similar circumstances set up for this purpose.

• *ikompli f'paġna 19*





*Picture above shows part of the Malta Police Corps Mounted Section.*

**Lm3,500** ........................... fil- **Lotterija tal-Ġimgħa**

L-Ewwel Premju Lm2,000
Żewġ Premjijiet ta' Lm500
Ħames Premjijiet ta' Lm100

Imtella' kull nhar ta' Ġimgħa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.




# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust, a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*

MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD. – MALTA –



*Middle Sea House, Floriana.*

**Middle Sea Insurance** *Tel: 626262*



Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

Development House, Floriana. Tel: 620412/3, 605013.

# VISIT BY BRITISH I.P.A. MEMBERS FROM THAMES VALLEY POLICE



*Group leader Terence Cox (in white shirt) being presented with a Malta Police Cap by Sgt. Romeo Micallef (top), and the British IPA members in a group photo at the Police Social Club, Valletta.*



About 50 members of the International Police Association from Thames Valley Police accompanied by their wives visited Malta last April.

The group which was led by Terence Cox, Vice Chairman of No. 7 Region arrived at Luqa airport on Thursday the 17th April for a week's stay. The group was met by a reception committee from the Malta Section led by National Secretary, Treasures and other members.

A week's programme of cultural tours and social activities was prepared for the group. This included visit to Valletta and its historical places, a whole day at Gozo, and other interesting places. The high light of the visit was the President's Palace, where the group toured the Tapestry room, and the Ambassadors rooms. Mr. Lanzon private secretary met the group on behalf of Her Excellency. Mr. Timothy Hill on behalf of the group thanked Mr. Lanzon for receiving them, and presented a Thames Valley Police coat of arms to be passed to the President.

Mr. Lanzon to reciprocate, presented Mr. Hill with an Old Maltese portrait. Mr. Hill on delivering a brief speech assured Her Excellency that such portrait will be placed with other foreign relics in their IPA section room.

After lunching at the Police Social Club, the group proceeded to Police Headquarters where they visited different sections and especially the new Forensic Laboratory, where they were met by Inspector P.P. Zammit, who briefed the group about the functioning of the complex. The group at the end were treated for drinks at the Officers Mess.

### Social Activities

Social acitvities were also part of the programme, where the Maltese section and their members hosted the British group for a Pizza night, and they were also invited to Ballroom dancing.

On the evening before departure the British group invited members of the Malta Section for a Farewell Do. Also present for this function were the Sliema Bomb Victims, PS Micallef, and P.C. P. Barberi and thier good ladies. PC Zammit could not attend. During the evening Terence Cox presented the sum of Lm50 to the victims towards their fund.

At the end Mr Timothy Hill as Senior Official of the group delivered a brief speech where he thanked the Maltese section for warm hospitality shown towards their hosts, the Commissioner of Police for his coperation, besides he presented Mr. J.C. Gauci Vice President of the Malta section with a Thames Valley Police Helmet, and a Thames Valley Police emblem to the Secretary.

The Malta section in exchange presented a Maltese Cab (Karozzin) to Mr. Hill for the section, and a Malta Police Cap was presented by R. Micallef Secretary to the group leader Terence Cox.






# "SUB-ACQUA DIVING"

## *A NEW EXPERIENCE FOR THE HANDICAPPED*

*By JUNIENNE NAUDI*

**•WHILE I was appreciating the courage of a group of handicapped people learning their first steps in sub-acqua diving, I was amused at myself and others like me, who fear to venture into this sport because of the risks involved. As I eventually found out, the essential points to remember are to keep calm, feel confident and abide by the rules, which all the participants did. This, after all, is what the 'Sub-Acqua Confidence Building Society' is all about — to encourage handicapped people to widen their horizons. Every individual took the lessons very seriously and tried to overcome any difficulties irrespective of their handicap.**

This society consists mainly of highly qualified voluntary instructors who dedicate themselves in their spare time to these lesser fortunate members of our society. Their practice and their intuition to the needs of these members have already made a contribution to the mental well-






*Handicapped students (wearing life jackets), in a group photo with their instructors. (1)*

*Last minute briefing in the Pool. (2)*

*A group of deaf and dumb students with their instructors, amongst them PC Gatt (first from right front row). (3)*

*Briefing lectures before going down for each dive. (4)*










*"Hey, come on PC Gatt, when's our turn?" (1)*

*A game of snakes and ladders... in the pool. (2)*

*Instructors and handicapped preparing for an "Outdoor Dive". (3)*

# A NEW EXPERIENCE FOR THE HANDICAPPED

being, giving them a hope for the future, a goal to overcome, no matter the disability.

The diving course consists of sessions held twice weekly at a local hotel. The candidates will attend classroom theory lessons and, after the second week, they will undergo a graduation dive where they will get a 'feel' of this underwater world – quite a difference to the ground floor of the heated pool they trained in. They will look, touch, think, and become part of an environment previously only seen on T.V. or colour photographs. A graduation ceremony will be held at the end of a season, where the participants receive a certificate and photo album.

Two weeks are hardly long enough for any dramatic changes, yet the candidates do feel a certain change in themselves. It is the challenge to proof to others and to themselves that they can enjoy this type of sport which relatively, few people do. From early childhood we learn through fairytales that beauty is linked with intelligence and success, therefore, society tends to misinterpret disabled people. It may either sympathise, evoke a negative reaction or simply avoid the issue. Contrary to what people may state, they are much tougher then they seem to be.

Anyone with a physical disability can enrol in this society. Most candidates are severely disabled. One such handicap was an eleven year old quadriplegic. Inspite of all her handicaps, she pulled through her programme marvellously, and she herself claimed to feel much healthier after each dive. A cripple, who lived her life on a wheel-chair felt a great happiness inside her as she would never have dreamt of experiencing all those feelings one goes through underwater. It was a "dream come true".

The deaf and the dumb learn just as much as the handicapped or any normal bodied person. During the sessions, the instructors communicate with them with basic signals and learn from the deaf themselves how to communicate under water.

Normally, the handicapped will not dive any deeper than nine metres, but the fact that they are underwater in 'full gear' is a kick to their ego. Depth is of no important significance to them. As long as they are under water, conquering their own fears, and having something to boast about at home makes them feel great.

When one looks back to the infant stages of this programme, one realises the changes that had to be made, to improve the standards, to eradicate the inner fear of the instructors, the suspicion and distrust of some people that has changed to immense pride and admiration, but mostly, the handicapped people themselves have proved what this programme is all about. Without everybody's co-operation, sense of humour and will, this programme would not have been successful. The smile and the friendliness makes one realise how lucky we are to have each other. They deserve a chance to do something they have always dreamt of and to help them integrate with society.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone




**From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).**

(*) To save 25% you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

telemalta
corporation

# IŻ-ŻNAJBAR, wieħed fqir fil-Belt

**•ILLUM il-faqar, qajla nafu bih. Il-beneficċji soċjali li għandna fi żmienna kkompensaw għalbiex il-miżerja tal-faqar naqset u sparixxiet għal kollox. B'danakollu ma rridux ngħidu li ma hawnx familji, li bil-pensjoni dgħajfa li għandhom jistgħu jgħixu kif jixraq; bil-kemm ilaħħqu biex jgħixu ta' nies!**

Iż-żmenijiet tbiddlu minn meta konna nafuhom aħna f'żgħożitna. Konna narawhom fit-toroq kollha tal-Belt, ukoll fil-qalba, irġiel u nisa, jittalbu bieb bieb. Tisma' tħabbita żgħira mal-boxxla tal-ħġieġ, jonkella mal-ħabbata jekk il-bieb ikun magħluq, u x'ħin tfeġġ tiftaħ, issib raġel, jew mara, jirreċtaw **"requie aeterna"** u jtawlu drieħhom, biex bħal speċi jgħidulek "tini xi ħaġa karità".

Xi drabi n-nisa kienu jġorru magħhom tifel, jew tifla, biex iqanqlu l-ħniena. Drabi oħra, mara tqandel tarbija magħha, tibki u tolfoq. Mhux darba jew tnejn, il-Pulizija kienet issib li dawk in-nisa ma kenitx tkun tagħhom it-tarbija, imma kienu jikruha minn għand ħaddieħor, biex taparsi għandhom lil min jitimgħu.

Rajnihom ta' kuljum, u kull ħin, għaddejjin mit-toroq l-aktar fit-Triq tal-Masri, bejn Triq Melita tal-lum (Strada Britannica tal-bieraħ) u Triq San Ġwann, fejn igħidulu t-Triq tal-Ganċ, fejn trabbejt jien – foqra mill-irħula kollha, iħabbtu bieb bieb.

Kien hemm oħrajn li kienu ħaduha bi drawwa, rikibhom il-vizzju, u mhux għaliex kienu tallaba fqar ta' bilħaqq. Uħud kienu wkoll bħal impjegati, mikrija, biex joħorġu jittalbu l-ħobż, biex imbagħad, x'ħin imorru r-raħal, ibiegħu dak li jkunu ġabru, biex jitimgħuh lill-bhejjem.

Ġeneralment, il-karità kienet tikkonsisti f'loqma ħobż, jew lo piu, tliet ħabbiet (dwar 2 mils tal-lum). Min ma kienx ikollu żgħar daqshekk, u minflok jagħtik sold, jew sitt ħabbiet, kien jilqa' idu għall-bqija wkoll.

## VALUR TAL-FLUS

**Anqas ma jistgħu jirrealizzaw dan it-tfal tal-lum, jew dawk li twieldu wara l-gwaj tal-gwerra. Illum it-tfal ta' l-iskola wħud minnhom, biex jixtru pasta jew ħelu, isarfu l-fivers. Dari fiver, ħames liri, kienu salarju ta' ġimgħa xogħol.**

Mhux possibbli li ngħidu isimhom, bil-ħajja tagħhom, dawk il-foqra li konna nafu fi żmienna. Kien ikun ktieb sabiħ kieku. Purċissjoni twila, wieħed wieħed, waħda waħda, ta' karattri differenti, ta' pronunzja mqanstħa ta' talb, kliem imfarrak mil-Latin, ilbies imqatta', jew b'kull roqgħa ta' lwien ieħor, min bil-beritta, l-aktar jekk ikun xi xiħ, li x'ħin jiltaqa' miegħek u jersaq lejk fit-triq, jew x'ħin jinfetaħ il-bieb, jinżaha minn rasu, u jilqa' dak li tkun se tagħtih b'karità, ġo fiha.

In-nisa tallaba, miksijin b'għonnella jew ċurniena (ħadra biż-żmien) anqas ma tinġabar mormija fl-art, b'ħatar f'idhom,

## *MILL-KAVALLIER JOSEPH GALEA*

u landa kbira minn dawk tal-pitrolju ta' dari, jew bottijiet bil-biċċa ferdiferruwa bħala għalaq, xkora għall-imbarazz li jiġbru mit-toroq, ħafjin b'wiċċ riġlejhom bl-aqbra taż-żmien u l-ħmieġ tat-toroq.

Fost dawk li niftakar kien hemm Ġanna l-bagħla, magħrufa fit-toroq kollha tal-Belt; il-Kesis, Pawlu taċ-ċippitatu, dak ta' rasu tal-ġibs, Ċetta ta' Ħal Luqa, it-tabib li għal inġustizzja li kien ġarrab, iffitta, u intafa' jdur fit-toroq, mhux biex jitlob jekk mhux xi sigarett, u jdur l-ħofor jew kantini biex jitfa' fihom biċċiet ta' tadam ħalli bħalkieku jitma lill-wirdien, in-nemel, jew il-ġrieden. Miskin tassew.

## L-APPARENZA TQARRAQ

Wara l-gwerra ta' l-aħħar, jiftakru kul-ħadd, kien hawn ġuvni li qabeż l-erbgħin sena, minn Ħal Luqa, jiġri jlebbet wara n-nies u jgħidilhom "sinjur, tini sold ħalli nagħtik xelin". Kien hemm ieħor li ma kienx jitlob, iżda għal dawk li kienu jafuh kienu jagħtuh dik ix-xi ħaġa, u waqt li jiżżik ħajr, kien ukoll jitbissem. Ma kienx fil-bżonn, imma s-sura li kien fiha, tisthajlu mistħi ħafna. Meta miet fil-kamra li kien jgħix fiha fil-Mandraġġ, sabulu kemxa muniti qodma, kollezzjoni ta' flus Ingliżi, uħud minnhom rari. Ta' kull filgħodu kont tarah, ibakkar fuq San Ġwann, ħdejn Pawlu, magħruf bl-isem tal-bajd, li kien jarma bit-tilar ibiegħ kull ma jsib, bosta drabi muniti, għodda, u platti miksura jew sħaħ, eċċ. Dan kien imur jixtri l-muniti minn għandu, u Pawlu, niftakru jgħidli, li kien l-aqwa klijent għall-muniti.

Mara barranija, titkellem ħażin daqs wieħed ta' bona, magħrufa bil-laqam ta' iċ-Ċirimotta li kien toqgħod fi Triq San Kristofru, erba' bibien l-isfel mit-triq id-dejqa, max-xellug fin-niżla.

Kont se ninsa lil Ċensu Mollol, għax kien jiċċaqlaq daqskieku kien marid bil-Ballu San Vitu. Ieħor kien Ċensu ż-Żilla.

**Fosthom kollha l-aktar wieħed li hemm nitfa xi tgħid dwaru kien jismu Iż-Żnajbar.**

Nieżel hu n-niżla tal-Ganċ. Minn sbieħ il-jum kien għamilha darbtejn oħra. Hekk kien ġiegħlu l-Maġistrat.

It-tlalab tagħna fl-imgħoddi, kif għedt, donnhom kienu jistiednu l-fastidju wkoll.

Iż-Żnajbar, kif kien magħruf, ma kienx żgħir. Imwieled fil-Belt fl-inħawi ta' Fuq it-Tomba tal-Mandraġġ, fi tfulitu wara li



*... idur mat-toroq ibiegħ l-imqaret.*

kien safa orfnu minn missieru, kien igħin fil-qdif tad-dgħajjes taħt Marsamxett, u meta jkun il-maltemp, kien joħroġ idur mat-toroq ibiegħ l-imqaret bit-tilar li kienet tafdalu n-nanna ta' Kalmenta.

Kellu dwar erbatax-il sena meta Garibaldi, il-qalbieni tal-qomos ħomor, kien wasal Malta midrub wara t-taqbida ta' Aspromonte. U kien għajjat mhux ftit meta l-Imħallef Roncali kien għamel diskors mill-gallarija tal-Lukanda **Imperial**, fi Strada Santa Luċija, fejn Garibaldi kien għammar jumejn, flimkien ma' wliedu Menotti u Ricciotti.

**Din kienet l-ewwel darba li ż-Żnajbar kellu x'jaqsam mal-Pulizija, għax billi hawn Malta kien hawn għaqda ta' maħrubin Taljani mill-qilla tal-Borboni, ma kenitx l-ewwel darba li kien iqum ir-rambaġġ fit-toroq.**

Dik il-ħabta, imbagħad, kien hawn flus fl-idejn ftit aktar mis-soltu. Xogħol kien hawn għal kulħadd. It-Tarzna kienet tħaddem l-aqwa tfal Maltin tas-sengħa; ir-Raħal il-Ġdid beda jimtela bin-nies fl-aqwa tiegħu; bdew isewwu t-toroq tal-bliet u dawk l-ewlenin għar-rħula bil-lava li kienet tasal minn Sqallija; vapuri tal-merkanzija deħlin ġmielhom fil-port; il-frejgati Ingliżi kienu jħammġu l-port bi flushom, u tal-ħwienet kulħadd iġemma u jkabbar għax il-qligħ ma kienx ftit.

Iż-Żnajbar kien qorob ftit aktar minn tletin sena, iħarwel u jiddeffes ħdejn l-imħażen ix-xatt tal-Belt, jaqdi xi refgħa, u għal nofs inhar arah jiġbidlek lejn il-

# IŻ-ŻNAJBAR

kwartier tas-suldati, fuq id-Dwana, taħt il-Barrakka ta' Fuq, għal-laħam.

Wara nofs inhar, imbagħad, jintefa' jilgħaq ix-xemx fuq is-sur ta' Santa Luċija, fir-rokna tas-sur fejn tikser għal Fuq l-Iljuni. Ma kienx ikun waħda hemm għax sħabu kienu jieħdu siesta hemm ukoll għad-dell.

Għal xi l-erbgħa ż-Żnajbar jibda r-ronda ta' qabel: jinżel ix-xatt kollu, jikser għat-Telgħa tal-Kurċifiss, jilwi għal quddiem il-Mall, jidħol Putirjal, idur għal wara t-tijatru li kien qed jinbena ġdid, imbagħad għal Strada Merkanti, it-Triq tal-Ganċ, u jerġa' għal fuq id-Dwana biex ilaqqat xi bott te.

It-Triq tal-Ganċ kirnry l-aktar passaġġa żmien ilu sew sew qabel it-traffiku hekk kiber li bi ftit flus kont tmur sa l-Aħrax tal-Mellieħa. In-nies tan-naħa l-oħra, jew dawk li kienu jaqsmu l-port ħteġijiethom, kienu kollha jieħdu din it-triq għal ħeffa taż-żmien, u għal qosor tat-triq.

## FASTIDJU

Il-fastidju ma kienx jonqos, iżda kien differenti minn dak tal-lum. Ħadd ma kien jista' jgħaddi min din it-triq tal-Ganċ mingħajr ma jisma' kummenti, tisfir u kuljunar, l-aktar meta kienu jgħaddu b'xi tebut biex iwassluh sa l-Isptar Ċentrali, fejn hawn id-Depot tal-Pulizija llum. Id-distorbju u l-botti li kienu jinstemgħu, kien jiġbed lill-imgħallmin minn fuq xogħolhom, biex magħhom jissoktaw l-għajjat huma wkoll.

Iż-Żnajbar kien jgħaddi minn din it-triq fil-waqt li l-ħaddiema tat-Tarzna kienu jkunu telgħin lura lejn djarhom. Biex tagħqad ukoll, għax donnu li kien jogħġbu wkoll il-fastidju, kien jinżel isaffar, jew ikanta, xi biċċa arja minn opra. Kultant kien jieqaf jitkellem ma' tal-ħwienet u jirrakkonta waħda mill-ġrajjiet li kien ikollu. Ma nistgħux niċħdu li wara dak il-fastidju kien idabbar xi ħaġa wkoll tal-flus.

X'kienet il-ġrajja tal-Maġistrat?

Wara li kien tela' l-ewwel darba l-Għassa tal-Pulizija, fi żmien il-miġja ta' Garibaldi, li sa dak iż-żmien l-għassa kienet f'waħda mis-swali tal-Palazz tal-Gran Mastri (illum tal-President) hekk kif tilwi minn Strada Merkanti, ħdejn il-knisja tal-Ġiżwiti, għal Strada Vescovo, l-għatba tal-Klistanija kien għoddu kielha, tiela' u niżel quddiem il-Maġistrat.

**Mhux darba jew tnejn niżżluh isfel għax kienu jsibuh rieqed mal-ġnien li kien hemm fil-Pjazza tar-Reġina, għax billi ma kien jinqabad ħadd jisraq il-laring, allura l-Pulizija, jew il-'Bobbie', kif kienu aktar magħrufa dak iż-żmien, kienet twaħħal fiż-Żnajbar, li seraqhom hu biex ikollu għall-inbid.**

Fil-għaxija, meta ma kienx jiddobba bott te, u meta kien idabbar xi ħabtejn, kien jerħilha għal għand Ġużè l-Għawdxi, bejjiegħ l-inbid ħdejn is-Suq, ħanut imsemmi għall-aqwa skaren tal-Belt.

Fejn joqgħod ma kellux l-imsejken Żnajbar. Biss fil-għodu kien isib lilu nnifsu, kif kien igħid hu stess, taħt dik il-biċċa mina taż-Żigu Żajk, ftit 'il bogħod mid-Dwana, u kien jintebaħ li kien ikun sebaħ għax il-baħrin li kienu jgħaddu minn hemm għall-Menqa tad-Dwana, kienu jtajrulu n-ngħas.

## IDDOBBA... SOLD TAL-FIDDA

Fi żmien il-festi tar-Reġina Vittorja kien wieħed mit-tlalab li kien iddobba sold tal-fidda bħala tifkira tal-festi li kienu għamlulha Malta. Sa ma miet kien jaħlef li dak is-sold kien ġablu r-risq għal għomru kollu, u kien waħħlu bl-istan mad-domna tal-Madonna fil-kuruna li kien iżomm imdendla ma' għonqu ħajtu kollha.

Iż-Żnajbar kien jiftakar ukoll id-distorbju li kien sar dwar it-taħlit taż-żweġijiet, kwistjoni mwanqla ġmielha fi żmienha. Hu, għalkemm fqir u mkasbar, ma kienx jaħsibha darbtejn biex juri li kien nisrani mhux biss ta' l-isem.

L-affari tal-Maġistrat kienet, kif kien jirrakkontha hu, kienet hekk:

Għedna qabel li l-Għassa tal-Pulizija kienu jafuh sew, tant li meta kien jinstema' xi għajjat barra minn ħinu, is-surġent għajjien mejjet fuq is-siġġu, maqtul jiffirma l-karti tar-Reġina, b'kelma waħda kien jiftiehem biż-żejjed mal-pjantuni, biex joħorġu jiġbruh.

**B'hekk il-Maġistrat kien għoddu xaba miż-żjajjar taż-Żnajbar, u hemm record ġmielu fl-okkorrenzi dwaru, u fir-reġistri tal-Qorti t'Isfel, meta kien jeħel jum, jew tnejn, u xi darba wkoll għal ġimgħa, għall-arja ta' Kordin.**

Wieħed li soltu kien midħla tal-Qorti, li jew imorru hemm biex igħaddu ż-żmien biex ikollhom x'isekсku, u jħammġu l-bankijiet tas-swali, darba kien qalli li ż-Żnajbar kien għoddu qajjem inċident ikrah fil-Qorti. Meta l-Maġistrat, miġbud miġbud fuq il-katedra fil-għoli, kien għajjat kawża oħra li kien imissa, il-ħati kien l-istess Żnajbar, jiġifieri dan il-povru bniedem kellu jidher darbtejn dik inhar. Il-Maġistrat kellu x'jagħmel ġmielu, u xtaq li jeħles kmieni għax fil-għaxija kellu jmur il-**Giovine Malta** għax dik inhar kellu jkun preżenti l-avukat Filippo Sceberras biex jitkellmu dwar il-kostituzzjoni.

Għalhekk il-Maġistrat x'ħin reġa' deher quddiemu ż-Żnajbar bi kliem qishom ta' herra, qallu: "Kemm se ndum narak quddiemi?" Il-pulizija li kien hemm ħdejn l-isbarra ta ħarsa ta' twissija lejn iż-Żnajbar biex ma jlissinx kelma nstemgħu xi xiehda, u wara meta l-Maġistrat qallu li din id-darba ma kienx sabu ħati skond l-att tal-akkuża, żied igħidlu wkoll "nispera li ma narakx aktar". Iż-Żnajbar dlonk wiegħbu, jew staqsieh, "għaliex, sur Maġistrat, mela sejjer tirtira?" Il-Maġistrat, aktarx biċ-ċajt, qallu: "Jekk terġa' tidher quddiemi, inwaħħlek li ta' kuljum, darba fil-għodu, u oħra wara nofs inhar, tmur sax-xatt, id-dawra tal-Belt."

Din kienet il-ġrajja taż-Żnajbar.


# APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

## MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li jgħandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhomna ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.

# □ NIES MAGHRUFA

# DUN KARM PSAILA



**□ DUN KARM – il-Poeta Nazzjonali – twieled Ħaż-Żebbuġ, Malta, fit-18 ta' Ottubru 1871.**

Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, u kompla fis-Seminarju Arċiveskovili, minn fejn imbagħad ġie ordnat saċerdot fis-sena 1894.

Wara li ġie ordnat saċerdot, Dun Karm beda jgħallem fis-Seminarju fejn imbagħad fis-sena 1921 ġie maħtur Assistent Librar fil-Librerija Pubblika, u fl-istess sena ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kapitlu tal-Kattidral.

Bħala student, Dun Karm kiteb ħafna mill-poeżiji tiegħu bl-ilsien Taljan. Fis-sena 1912 beda bil-kitba ta' poeżiji bil-Malti fejn kiteb numru mhux ħażin minn dawn il-poeżiji fuq l-aspetti kollha tal-ħajja Maltija.

Dun Karm, minbarra li kien poeta, kiteb ukoll Dizzjunarju bil-Malti għall-Ingliż.

Fis-sena 1945, l-Università ta' Malta kkonfermat fuqu d-Dottorat Letterarju 'Honoris Causa', u matul ħajtu wkoll it-titolu 'Poeta Laureat' ta' Malta.

Dun Karm – kif kulħadd kien isibu – kien dejjem mehdi fil-kitba f'kamartu fil-kumpanija tal-kanarin li kien tant iħobb, u li kien ta' spiss ta' ispirazzjoni għal bosta mill-poeżiji tiegħu.

Dun Karm miet fit-3 ta' Ottubru 1961 f'Tas-Sliema, fl-età venerabbli ta' 90 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tar-raħal fejn twieled, Ħaż-Żebbuġ.

Illum, b'dedika lil dan il-Malti li għamel unur lil pajjiżu u l-ilsien tiegħu, qegħdin nipproduċu żewġ poeżiji li ħarġu mill-pinna maestuża tiegħu.

## LILL-MALTI – GĦANJA

Għalkemm ġejt minn art sabiħa,
Art li tħaddar ma' kull żmien,
Art li minnha saret qalbi,
Li nġib miegħi kullimkien.

Daqs l-għasel sibtek ħelwa,
Bint il-baħar, bint ix-xemx,
Malta, Malta, warda bħalek,
Sbejħa u żgħira ngħid li m'hemmx.

L-isfa sema, l-għata tiegħek,
Ħzienek ikħal daqs in-nir,
L-ajru jtuqek, bard ma jaħqrek,
Art ħanina, omm tal-fqir.

Malta, Malta ż-żmien fuq sidrek,
Kiteb l-għeżeż tifkiriet,
Mhux għalxejn għalik iġġieldu,
Ġnus mill-ibgħad żminijiet.

Min ma jafx il-qalb, il-fehma,
Ta' l-ulied li int rabbejt!
Min ma jafx l-Emmna Mqaddsa
Li bħal sejf tan-nar żammejt!

Malta, Malta, is-swar li ħammru,
B'demm uiedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu l-għadu jgħibu s-snin.



## LILL-BANDIERA MALTIJA

Hekk, bajda u ħamra, biss irridek jien,
Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina,
Għax kull meta sibbien ħabtu għalina,
Hekk, bajda u ħamra biss, rawk
il-Ħajjiena.

Bajda u safja, bħas sema fil-Lebiena,
Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina,
Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba
żina,
Minn dawk li int rabbejt għax-xogħ'l
qalbiena.

Hekk, bajda u ħamra biss, kull lewn
barrani,
Li jitħallat ma' lsienek, ikun blu,
Jew ikun aħdar iħassarlek ismek.

Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek,
Fis-sabiħ ġismek ma jibqax li hu,
Imbagħad ... ma jiswa xejn tibki
l-warrani.

# ANTONIO SCIORTINO



**□ ANTONIO SCIORTINO twieled ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta, fis-sena 1883, sar wieħed mill-aqwa skulturi li Malta kellha f'dawk iż-żminijiet.**

Meta kien għad għandu 17-il sena mar Ruma fejn studja l-Arti fl-'Istituto Reale Delle Belle Arti'. Wara li ggradwa fl-Inġinerija u Arkitettura Monumentali fl-1902, fetaħ Studio ta' l-Arti f'Ruma.

Wieħed mill-ewwel xogħlijiet tiegħu kien "Le Gavroches" li ġie mqiegħed fil-Barrakka ta' Fuq, fl-1907.

Dan il-monument – "Les Gavroches", wittielu t-triq għal fama internazzjonali f'bosta pajjiżi, kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerika.

Xogħlijiet tiegħu, bħal mudell ta' l-Imperatur Allessandru II tar-Russja, rebbaħlu l-ewwel premju, u dak tal-Ġeneral Simon Bolivar fil-Belt ta' Quito fl-Equador, kien ġie t-tieni f'kompetizzjonijiet Internazzjonali.

Bosta persunaġġi prominenti u ta' fama internazzjonali kienu ta' sikwit iżuru li Studio tiegħu f'Ruma, peress li Sciortino kien ukoll magħruf ħafna għal 'Portraiture' li b'abbiltà kbira kien joħroġ minn taħt idejh.

L-aħjar xogħlijiet ta' Sciortino bla dubju ta' xejn, huma l-istatwa ta' Kristu Re fil-Mall il-Furjana, il-Monument ta' l-Assedju l-Kbir fil-Pjazza ta' l-Assedju, il-Belt (quddiem il-Qorti), u dak li diġà semmejna, "Les Gavroches" fil-Barrakka ta' Fuq.

Minbarra xogħlijiet oħra ta' Sciortino li nsibuhom fil-Mużew ta' l-Arti f'pajjiżna, insibu oħrajn f'diversi pajjiżi Ewropej u Sud Amerikani.

Sciortino miet fis-sena 1947 fl-età ta' 64.

# THE HISTORY OF PHOTOGRAPHY

**By MARIO SCHEMBRI** PART 4

## CRIME PHOTOGRAPHY

Photography is used by the police to provide evidence and supplement written reports on a very extensive scale. Much of this is of a routine character and not connected with the actual investigation of the crime.

The equipment and techniques employed in this branch are those of normal photography. Most of such photography is done 'in the Fields'.

Apart from such general work however there is the highly specialized field of photography applied to crime detection. Much of this is carried out at the laboratory with special equipment and techniques.

By the use of such technical aids as infra-red (IR) and UV lightings and radiography in conjunction with suitable filters and sensitized materials, criminal evidence that would otherwise remain hidden, can ofteb be brought to light. All this equipment and process are the main vein of the Forensic Laboratory techniques.

The use of the Micro-Comparitor, an enlargement of hundreds times over can be eventually photographed. Hairs, saliva, biological material, semen, pubic hair, textile fibre, paint, urin, paper and thousand of other material, can all be examined together with the scrutinization of all suspected documents.

**The Forensic Laboratory** comprises of the Photographic, Finger-Print, Ballistic and the ill-fated explosives sections (N.B. – The Explosive unit has been disbanded after the so-famous C-23 Patrol Boat tragedy on the7-9-84, where two of its three members Sgt. 19 Salvu Muscat and PC 759 Joe Hare lost their lives on their course of duty together with five other Task Force members.

The Forensic Laboratory is governed by Dr. A.J. Abela Medici B.Sc. Hons (Wales) Ph.D. (London), DIC, C.Chem, MRSC.

## ROUTINE WORK

The ordinary police photographic department staffed by police photographers is concerned almost entirely with straight forward pictures of Scene of the Crime and personal identification.

## THE SCENE OF THE CRIME (S.O.C.)

In a typical theft, burglary or a break-in-job, the police photographer usually takes a number of exterior scenes of the house, showing the point of entry of the intruder. Whether its front door, window or back door. The photographing of the exterior and the interior of the premises, tool or jemmie marks on door sills, windows or removed stone slabs. The place should be searched for any possible clue of finger-prints, palm-print, shoemrk or print. Finger-prints are usually evident on upturned furniture and things taken out from cupboards, wardroads. Tools and other objects occasionally left behind by the burglar should always be photographed, finger-printed and examined.

Foot-marks on garden soil, gravel, sand or earth at the point of exit, should be carefully restored and photographed.

Magisterial inquiries are carried out by means of starting from the point of entry and photographically go along to the exit. The surroundings of the burglary should be taken at hand in case of footmarks, tyremarks or any personal effect which might fall off from the person of the thief, which are of great value in evidence.

## THE IMPORTANCE OF FINGER-PRINT EVIDENCE

The skin on the inner surface of the hands and on the soles of the feet is covered with minute ridges which form distinctive patterns. These patterns are develop-



*Latent Finger Print*



*Inked Finger Print*



*Inked Palm Print*



*Latent Palm Print*

ed in the embryo and never change from birth to death. After death finger-prints are destroyed by decomposition. The patterns become larger as the child developes into an adult. There is no more difference between the palm or sole of an infant and the palm or sole of the same individual when grown than there is between a small negative and an enlargement of same. Furthermore the pattern of every small area of this friction skin, as it is called. It is so individual that it is improbable that the pattern has been dublicated in the history of the world. It is estimated that the chance of two F/P being alike would be one to the ninth power of fifty or one in every 1,953,125, 000,000,000. A sum more than 1,000,000 times the number of human inhabitants of the world.

## MURDERS

At the secene of a homicide, photographs of the following subjects should be made for use as evidence.

1. General view of location and position of body. Such photos, if possible, should be made before anything is disturbed.
2. Close-up view of the body and surroundings.
3. Photos of weapon, if left by the killer.
4. Close-up of wounds, i.e. bullet holes, stab wounds, bruises, etc....
5. Bullet holes in furniture, floor, walls, etc....
6. Close-up of entry and exit of the SOC.
7. Photos bearing finger-prints and their locations.
8. Photos of all rooms having direct connection with one in which death occurred.
9. Views showing entrance/exit and surrounding territory.
10. General view of facade and back of house or building.

## PART PLAYED BY PHOTOGRAPHY

Finger-print evidence would not be in general use today, if it were not for photography. It was in 1892, Sir Francis Galton first dublicated and enlarged a finger-print image by the use of a camera, resulting in presenting as evidence in court.

1. Photography makes it possible to make permanent copies of F/P on surfaces of objects that cannot physically be brought into the courtroom.
2. Photography will bring out faint F/Ps which cannot be studied by the naked eye, but often are of great value for identification purposes.
3. Photography can be used to magnify any F/P to almost any extent desired.
4. Photography makes possible the side by side comparison of magnified F/P, enabling the jury to see for themselves whether or not two or more F/Ps are identical in detail.

## APPARATUS

The equipment required for F/P photography are a good modern camera with bellow extension fitted to lens; supplimentary close-up lenses and macro lens.

The difference between bellow camera and marco lens is that bellow, the image can be made many times smaller than the original. While the macro lens enables objects to be recorded same size or smaller. Another piece of important equipment is the finger-print camera, a 2¼" – 3¼" film equipped with bellow extension of twice the focal length.

The advantages of SLR camera in connection with F/Ps are that it is its lightweight, no space limitations and takes any sort of filter in front of lens. Can be used on artificial light. (i.e. any photo flood lightings, tangsten or hologen lamps, or ring flash system).

## ARSONS AND BOMBINGS

The willful destruction of a building by fire usually is punished as arson, which the intentional damaging of a building by bombing ordinarily is prosecuted under a statute providing a penalty for the malicious destruction of a building by explosives. Both type of cases however present about the same problems from the standpoint of photographic evidence. The scene of fire or explosion should always be photographed whether by accident or deliberately. Exterior and interior (if possible) should be made from all 4 sides or at least diagonally opposite corners, in order to show the entire extent of damage. Thus close-ups should be taken to every physical object that may furnish evidence of the cause of fire or explosion.

The investigation officer must be on the look-out for any clues of what causes the fire or explosion, like rags that were soaked in petrol etc., petrol cans or plastic bottles and so on. Attention should be drawn to the photographer for recording such evidence.



**Typical murder scene**



**Bomb explosion at Qrendi Police Station.**

F.P.: Fingerprint
S.O.C.: Scene of Crime



*Il-vetturi moderni wżati mill-Mobile Squad ma' wħud mill-membri ta' l-istess Skwadra.*

# IL-"MOBILE SQUAD" TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Mis-Surġent Maġġur E. BELLIA

**• KIEN għall-aħħar ta' l-1983 meta ġiet imwaqqfa – fuq l-ideja personali tal-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija, Dr. Lawrence Pulllicino – il-Mobile Squad. Għalkemm in-numru ta' membri – Surġenti Maġġuri u Pulizija kienu anqas milli hemm illum, ix-xogħol fejjiedi ta' din l-iskwadra mill-ewwel beda jagħti riżultati pożittivi, bir-riżultat inevitabbli li din l-Iskwadra llum kibret fin-numru tagħha.**

Fil-bidu, il-Mobile Squad kienet stazzjonata fl-Għassa tal-Ħamrun, fejn anke d-'Detail' ta' dak iż-żmien kienet mill-Maġġur ta' l-istess Distrett. Għal dak li kienu vetturi, l-istorja kienet waħda ferm differenti minn dik li nafu llum – konna naħdmu bi tlettax-il Land Rover li minbarra l-konsum ta' petrol, kienu wkoll ta' strapazz aktar għal min kien ikun riekeb fihom – għal tmien siegħat sħaħ!

Illum ninsabu f'qagħda ferm aħjar sabiex il-Mobile Squad tagħna taħdem b'aktar effiċjenza – u b'inqas strapazz. F'din l-Iskwadra bħalissa hemm disa' karozzi (Cortina) kważi ġodda, mgħammra b'dak kollu li karozzi għal dan l-użu jinħtieġilhom – Sirena, Beacon Light, Out Hailer, Radio, u anke Portable Radio.

Il-Kwartieri tal-Mobile Squad illum jiffurmaw parti mil-lokal ġdid fejn hemm stazzjonati membri tal-S.M.U. li qiegħed il-Garage. Ix-xogħol ta' din l-iskwadra, Mobile Squad, huwa kif jindika l-isem stess – Skwadra Mobbili għas-salvagwadjar taċ-ċittadin tal-pajjiż, u dak barrani li jżurna. Dawn għandhom xogħol 'Fixed Point' fejn ikun jinħtieġ, Patrol fuq ir-Riġel, Road Blocks, Assistenza lil Pulizija sħabhom tad-Distrett f'każi importanti u ta' Emerġenza.

## □ RIŻULTATI POŻITTIVI

Fost ir-riżultati tal-ħidma ta' din l-Iskwadra, wieħed ta' min isemmi, fost oħrajn, sfrattar ta' serqa ta' kwantità kbira ta' ġwież tal-Kumpanija Andrew's Feeds, fejn l-Iskwadra waslet fuq il-post fejn il-ġwież kien se jibda jinħatt f'razzett fl-Imqabba – 45 minuta wara s-serqa mill-Fabbrika. Membri ta' din l-Iskwadra qabdu 'fil-fatt' tliet persuni jisirqu mill-Klabb tal-Boċċi tal-Marsa, filwaqt li każ ieħor kien żewġ serqiet fl-Industrial Estate ta' Ħal Luqa, fejn il-Mobile Squad waslet fil-ħin biex tisfratta serqa fejn 'vann – li kien ġie rrapurtat misruq – kien mgħobbi b'materjal misruq minn fabbrika f'dan il-lokal, u għalkemm il-ħallelin laħqu ħarbu, ġie salvat il-materjal kollu misruq.

Is-sehem puntwal tal-Mobile Squad kellu riżultat pożittiv ukoll fil-qabda ta' waħda mill-akbar sejbiet ta' Ħaxixa f'Malta li kienet instabet fil-Qrendi, li l-

## IL-"MOBILE SQUAD" TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA




*Waħda mill-vetturi li kienu jintużaw għall-Patrols.*

ammont tagħha kien ilaħħaq eluf kbar ta' liri. Nista' liberalment ngħid li x-xogħol tal-Mobile Squad, qiegħed ikun – bħal dak imwettaq mill-membri l-oħra tal-Korp.... ta' tfixkil għal dawk li jridu jabbużaw bid-drogi.

Fil-preżent, din l-Iskwadra tinkorpora fiha Spettur, erba' Surġenti Maġġuri, u tmenin membru – bejn Surġenti u Kuntistabblijiet. Għalhekk, kif jidher, din fiha nies aktar milli wieħed isib stazzjonati f'distrett sħiħ. Minn dan jidher, li l-Mobile Squad – armata kif inhu xieraq, qegħda tkun ta' l-akbar siwi għall-benefiċċju taċ-ċittadin, għax bi frott tax-xogħol tagħha, dak ta' 'Superviżjoni fuq erba' roti', b'kollaborazzjoni mal-kumplament tal-Korp tal-Pulizija – kontinwament qegħda tkun ta' detriment għal dawk li jippretendu u jagħmlu l-ħażin u jiksru l-liġi... għax malajr isibu din l-Iskwadra fuqhom.

Qegħda hemm sabiex tipprovdi sigurtà adekwata lil Mexxejja tan-Nazzjonijiet, kemm dawk lokali kif ukoll barranin. Qegħda hemm biex taqdi lill-poplu Malti u Għawdxi fil-ħtiġijiet tiegħu – bis-sigurtà li tipprovdi bil-Patrols tagħha, bi nhar u bil-lejl, fil-bliet u l-irħula tagħna, anke dawk l-aktar imbegħda.

Il-Mobile Squad, bix-xogħol tagħha, lesta għal għajta taċ-ċittadin Malti u Għawdxi, il-barrani, sabiex iħarisha minn kull saram.

*Waħda mill-Iskwadri tal-"Mobile" waqt Patrol, tiċċekkja mħażen pubbliċi.*



# CANNON

PARTY GRILL FUEL




## PARTY GRILL FUEL

***NOW ONLY***

**Lm1.50**
**for 5 kilos**

**TEL: 828151 – 681500**
**680472**

***OR CALL AT***

**65/67, COAL WHARF,**
**MARSA**

***BETWEEN 8.00 a.m. & 1.00 p.m.***
***MONDAYS TO FRIDAYS***

## THE GUN & CARTRIDGE CO. LTD

37, ST. SEBASTIAN STREET, QORMI Tel: 624865-229531-442916

BREDA

AUTOMATIC SHOTGUNS
are available from Stock

- ALTAIR SPECIAL (Black or White) Normal or Magnum.
- CASTELLANI or FAUSTI — Double barrel with or without ejectors
- ARGUS with Engraving — Normal or Magnum.
- BAIKAL (Over & Under)

WITH OR WITHOUT CHOKE



Open daily from 9.00 a.m.-12.00 Noon
2.30 p.m.-6.00 p.m.

WE GUARANTEE LOWEST PRICES ON THE MARKET.

# England Insurance Agency Limited

127, OLD THEATRE STREET, VALLETTA, MALTA
Tel: 227776, 225382, 225355

*OFFERS ALL CLASSES OF INSURANCE*




**MOTOR NO CLAIM DISCOUNT UP TO 60%**

**10% Special Discount to Members of the local Police Force**

Agents for ST. PAUL FIRE & MARINE INSURANCE CO.

# costenarovalerio®

**A complete range of PUMPS, WATER SYSTEMS and GENERATING SETS for domestic, agricultural and industrial use.**









*Available from:*

AGRICULTURAL TRADING CO-OPERATIVE SOCIETY LIMITED

10, Jetties Wharf, Marsa.
Tel: 221461

*or our branches:*

**Agricentre** Dr. N. Zammit Street, Siġġiewi
22, Burmarrad Road, Burmarrad.

costenarovalerio®

HOBBIES

# PC 418 ANTHONY SAMMUT

# *SEA SHELLS*

**•I started collecting sea shells about 14 years ago and to date I have around 3000 different species which are found mainly in the Mediterranean Sea, including Malta and also from other seas around the world.**

A nice selection of shells from around the Maltese Isles, which I have managed to collect, apart from being beautiful, amongst them are some rare species. Most of the shells were collected by me during my frequent dives around the Island.

I have also obtained other shells through correspondence and exchanges with other interested collectors from around the world, and I have contact with such collectors from Italy, Belgium, Spain, Israel, Australia, Ireland, Uruguay and the Philippines.

My collection has been exhibited at various localities in Malta and on occasions at the Annex of St John Cathedral in Valletta, during Exhibitions by the Nivosa Conchological Society.

Interested persons who wish to visit my collection are whole-heartedly welcomed and any person who wishes to correspond on this subject or exchange any shells available are kindly requested to contact me.

*A pinna Pernula (Chemnitz 1785) found by PC 418 Anthony Sammut during one of his dives at Ras ir-rahab, near Fomm ir-Rih, at a depth of 40 metres. (1).*

*Pholadidea Loscombiana – (Goodal in Turton 1819), which lives in deep waters up to 100 fms, and is found in Clay. (2).*

*PC 418 Anthony Sammut's exhibits of Sea Shells at the Annex of St. John's Co-Cathedral, Valletta. (3).*

*PC 418 Anthony Sammut (second from left) being congratulated by Minister Philip Muscat M.D. during one of the exhibitions. (4).*

*Coralliophila Babelis – Requien 1848). It lives on coral bottom at a depth of 10 metres. (5).*














# MID-DINJA MUŻIKALI

– TAGĦRIF MIĠBUR MIS-Sgt. CHARLES MARSH



## PETER GABRIEL

### BNIEDEM VERAMENT PARTIKOLARI

Iħobb l-ibburdjar ġewwa xmajjar ... ġo tyre tal-karrozzi. Iħobb jisma' ... il-likwidi jbaqbqu ma' moħħu. Għandu misluta ta' l-imnieħer li tiswa' eluf ta' liri, u fl-istess ħin jgħid li hu mistħi ħafna. Dan il-bniedem verament partikulari ma hu ħadd ħlief Peter Gabriel l-ex kantant tal-Genesis li għal dawn l-aħħar għaxar snin għamel suċċess kbir bħala solista.

L-album il-ġdid tiegħu iġib l-isem ta' "SO", u qiegħed jiksiblu suċċess enormi u mistenni jkun wieħed mill-kbar fix-xhur tas-sajf. Fuq dan l-album insibu s-single "SLEDGEHAMMER" illi diġà telgħet fl-aqwa postijiet tal-klassifiċi internazzjonali. Tak-kumpanja lil Peter bil-vuċi melodika tagħha nsibu lil Kate Bush, li żgur tkompli tagħmel dan l-album wieħed rakkomandat.

## WINNER IN YOU

L-album il-ġdid ta' Patti la Belle, u li għadu kemm ħareġ għall-bejgħ, iġib l-isem ta' Winner In You. Dan l-album, fl-opinjoni tiegħi, huwa wieħed mill-aqwa ta' din il-kantanta u fih diversi tracks li faċilment jistgħu joħorġu bħala singles. L-aqwa track naħseb li hija "Beat My Heart Like A Drum" fejn nassistu għal solo bil-kitarra li ma tantx għadna nisimgħu bħala. Tracks oħra tajbin huma "Kiss Away The Pain" u "Sleep With Me Tonight".

**LAUGHING AT THE PIECES** huwa l-isem ta' l-album ġdid ta' Doctor & the Medics. Dan l-L.P. li jinkludi s-single "Spirit In The Sky" huwa fuq stil rock 'n' roll mill-aqwa. It-tracks huma kollha mill-aqwa u fih ukoll dak il-ħoss li jfakkrek fil-mużika eċċezzjonali tas-sittinijiet.



## SELF AID

Ftit ġimgħat ilu ġewwa Dublin l-Irlanda sar kunċert tip Live Aid. L-organizzatur ma kien ħadd ħlief Bob Geldof, il-moħħ wara Live Aid. Id-differenza kienet illi din id-darba l-flus miġbura ma marrux għannies bil-ġuħ fl-Afrika, iżda għal dawk li jirreġistraw għax-xogħol ġewwa l-Irlanda. Il-folla ta' 30,000 ruħ li attendiet assistiet għal siegħat sħaħ ta' spettaklu mogħtija minn Bob Geldof flimkien mal-Boom Town Rats, Elvis Castello, Cactus World News, Rory Galaghan, Van Morisson, U.2., Chris De Burgh, u oħrajn. L-iskop tal-kunċert nistgħu ngħidu li ntlaħaq, għax minbarra li nġabret is-somma ta' nofs miljun lira, inħolqu wkoll 1500 impjieg. Nistgħu nistqarru li kull ma jmiss Bob Geldof isir deheb.

## ★★★ MID-DINJA MUŻIKALI ★★★

**CACTUS WORLD NEWS** huwa l-isem ta' grupp ġdid li għadu kif tfaċċa fir-Renju Unit u li żgur se jkun wieħed mill-aktar popolari fis-snin li ġejjin. Dan il-grupp Irlandiż huwa skoperta ta' Bono, il-kantant tal-U.2. Huwa kien ilu għal żmien twil ifittex grupp biex jakkumpanja lil U.2 fil-kunċerti tagħhom bħala Supporting Act, u fl-aħħar jidher li għamel għażla tajba. Ta' min jinnota li l-ewwel single tal-grupp ġiet prodotta minn Bono nnifsu, biex aktar kompliet tikber il-konnessjoni tal-U.2 mal-Cactus World News.








### SINGLES ĠODDA

•**On Your Own** ... Peter Shelley ... Din hija waħda mill-ftit singles li l-lirika tagħha tagħmel sens (ħaġa verament rari). F'din is-single jispikkaw ukoll il-ħoss tal-kitarri u s-syntesiser. Single verament mill-aqwa.

•**When Tomorrow Comes** ... Eurytmics ... Il-fatt li Dave Stewart għamel żmien idoqq ma' kantanti u gruppi fl-Istati Uniti qiegħed jagħti r-riżultat. L-istil huwa wieħed Hard Rock Amerikan u fiha l-Eurytmics qalbu l-ħoss kompletament. Għalkemm ma tantx marret tajjeb mal-kritiċi, fil-fehma tiegħi nħoss li din is-sinle jixirqilha aħjar.

•**Underground** ... David Bowie ... Din is-single tippreżenta lil David Bowie totalment mibdul. Irrekordjata ġewwa New York flimkien ma' Luther Vandross, Chaka Khan, Cissy Houston, u erbatax-il membru ta' Gospel Choir. Il-producer huwa l-famuż Arif Mardin.

### GEORGE MICHAEL U L-WHAM

Wara li fil-ħarġa li għaddiet bassarna t-tmiem tal-grupp Wham, illum dan ġie kkonfermat. Ta' min jinnota illi l-biljetti ta' l-aħħar kunċert tagħhom inbiegħu f'rekord ta' anqas minn tnax-il siegħa, u dan huwa ta' konferma għall-popolarità li kien igawdi dan il-grupp. George Micheal jidher li ħa jibqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel bil-karriera mużikali tiegħu, u dan l-aħħar kien Detroit biex irrekordja single ġdida flimkien ma' Aretha Franklin. Hemm possibilità kbira illi fil-futur qarib jirrekordja single oħra ma' Micheal Jackson. Pjan ieħor huwa dak li jirrekordja single kontra l-Apartheid flimkien mal-ġenju għama Steve Wonder. Jidher ċar illi leħen George mhux se jkun nieqes minn fuq ir-radju fix-xhur li ġejjin.



### KOMPETIZZJONI Nru. 1
***IRBAĦ... Ikla għal tnejn min-nies fil-POLICE SOCIAL CLUB, ST. JAMES COMPLEX, VALLETTA***

AB...AN...AR...AR...BA...BA...
BB...DI...JT...LI...LZ...MQ...MU...
NA...NG...NX...UN...XX...ZA...ZE...

• Ħu l-21 parti ta' żewġ ittri li jidhru hawn fuq u bihom għaqqad l-ismijiet ta' seba' (7) irħula f'Malta u Għawdex. Bl-għajnuna ta' l-ittri li qegħdin nagħtuk, ikteb l-ismijiet tas-seba' rħula fil-kolonni mimdudin (1 sa 7) u fil-kolonna ċentrali jirriżulta post ieħor fil-gżejjer minbarra s-seba' li tridu tgħaqqdu intkom.

• Ibagħtu l-kompetizzjoni lil:
S. BELLIA,
"KOMPETIZZJONI TAX-XAHAR",
POLICE H.Q., FLORIANA.

# euro® ÆTERNUM

18/10 STAINLESS STEEL MULTI-PURPOSE WATERLESS KITCHENWARE

- Retain vitamins & minerals salt
- Improves Health
- Conserves food flavour
- Reduce fried fats

NEW SPECIAL PRICES




Sole agents and distributors: **L. Balbi Ltd.** Valletta & Sliema



# AGFA VIDEO

VHS PAL SECAM

Specially developed for the "Home Video System". The tape runs in "M" pattern around the video heads. To prevent excessive wear on the tape during high speed forward winding and rewind it is reeled back into the cassette.






**AGFA**

*FOR ALL LEADING SYSTEMS*
*HIGH COLOUR CASSETTES*

**The Agfa High Colour cassettes for VHS:**

*VHS E 30 / 30 Minutes*
*VHS E 60 / 60 Minutes*
*VHS E 120 / 120 Minutes*
*VHS E 180 / 180 Minutes*
*VHS E 240 / 240 Minutes*

Sole Distributors: ATTARD & CO., 67, South Street, Valletta.

# THE NEW HYUNDAI

# pony



# a new look all round





HYUNDAI
MOTOR COMPANY

Local agents for Hyundai cars
Meridian Enterprises Co. Ltd.
Showroom 207 Marina Street,
Pieta. Tel: 225362.

# Legal notes

**Evidence of motive and system of conduct – whether admissible – meaning of "system of conduct".**

Bajada was indicated with the murder of his wife. He pleaded, **in limine,** the inadmissibility of two prosecution witnesses who were to give evidence on previous incidents between him and his wife. The Criminal Court dismissed his plea. Bajada appealed.

The Court of Criminal Appeal, dismissing the appeal held that: –

1. By a "system of conduct" was not meant solely "a sort of individual technique identifying the accused by his handiwork", but included those acts of the accused which were part of, or which indicated, a characteristic **modus operandi** or a systematic pursuit of the same criminal object (**R. v Bond** [1906] 2.K.B. 389; **Makin v A.G. for New South Wales** [1894] A.C. 57; **R. v Ball** [1911] A.C. 47; **Noor Mohammed v R.** [1949] A.C. 182; **Harris v Director of Public Prosecutions** [1952) A.C. 694; **R. v Straffen** [1952] 2 Q.B. 911; **R. v Porter** (1935) 25 Cr. App. Rep. 59; **R. v Hewitt** (1925) 134 L.T. 157, considered);
2. On a charge of murder by violence, evidence that the accused had conspired to murder the deceased by other means was admissible (**R. v Thompson** (1922) 17 Cr. App. Rep. 71, C.C.A., followed);
3. Evidence intended to prove alleged beatings and other maltreatment of deseased at the hands of her husband (the accused) is admissible in as much as it may have a bearing on the intention accompanying the incriminating act, if it results that such act was committed by the accused, and may also serve to rebut a possible line of defence by the accused (**R. v Paul Azzopardi**, 6 August 1974, and **The Republic v Martina Galea**, 9 November 1982, both Court of Criminal Appeal, followed);
4. The prosecution is not bound to show that accused had a motive (as distinguished from a specific intent) to murder his wife; however, if evidence of such a motive is available, the prosecution is not precluded from putting such evidence before the jury.

**The Republic v Angel sive Angelo Bajada** Court of Criminal Appeal, 11 October 1985.

## *MALTA POLICE MOUNTED SECTION*

**•ikompli minn pagna 5**

The best place for such an exercise would be a Paddock but, unfortunately, the Section has not yet a stretch of land available for such a purpose.

For the last twelve months a patrol system has been introduced to operate on three different areas: Sliema, Hamrun and Paola. This patrol system may be extended to new areas in the future.



*All White... a Policewoman on horseback ready for a Ceremonial Parade.*

## GROOMING OF HORSES

Daily grooming of horses is essential for their good health. Their hoofs should be attended to regularly while brushing down their coat is a daily exercise preferably on soft ground, but as this is not readily available the Mounted Section has to make use of artificial grounds. Exercise on hard grounds often causes diseases to horses' hind legs. The most common indications of disease in a horse are loss of appetite and nervous agitation.

In order to carry out the duties it is called upon to perform the Mounted Section should always be kept fully equipped with suitable well-groomed horses as well as dedicated police personnel to ensure the smooth running of the Section.

# PAĠNA GĦAT-TFAL

**KELMTEJN...**

Illum wasalna fit-tielet ħarġa ta' din il-paġna, u nixtieq nirrispondi ittra li rċevejt mingħand Silvio Zarb.

Silvio,

Fl-ittra li inti bgħattli wrejt ix-xewqa li ssir Magician, u għalhekk jien nissuġġerilek li inti tkompli tistudja fuq din ix-xewqa tiegħek bil-mod il-mod, u mbagħad tara li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar tibda żżid fil-prattika u varjazzjoni tal-Maġija. Ma nistax nidħol fit-tul ħafna firrisposta tiegħi f'din il-paġna, imma nwegħdek li niktiblek personalment, u nibgħatlek l-indirizzi minn fejn tkun tista' tixtri kotba fuq il-Maġija.

Inselli għalik,
Pierre

*Nota: Tfal, meta tiktbulna żommu l-ittri fil-qosor kemm jista' jkun – daqs paġna ta' pitazz, minħabba li qegħdin nirċievu ħafna ittri mingħandkom, u l-ispazju f'din il-paġna huwa limitat.

Għal-lum daqshekk,
Inselli għalikom.
– Pierre

## TBISSEM FTIT

**RAĠUNI?**

– Bertu: "X'għandek, Pawl, kemm tidher għajjien u mitluq dalgħodu?"

– Pawlu: "Ħallini tridx, għax ħlomt ... li mxejtha mill-Mellieħa sal-Belt dalgħodu!"

**F'RESTORANT**

– Klijent lil Waiter:

"Waiter, ġibli tazza nbid minn tagħkom – dak li jnessi ftit middwejjaq tal-ħajja!"

"Ilna li waqqafnih, Sinjur, minħabba li kull min kien jiġi jiekol hawn u jixrob minnu ... jinsa jħallas il-kont!"

## MUMENT MAĠIKU

**Nru. 4.**

**Għalkemm din il-logħba min jagħmilha, la jisparixxi affarijiet, u lanqas iġib affarijiet li ma jkunux jidhru, jew jibdel affarijiet f'oġġetti oħra, xorta hija waħda attraenti, għax hija daqsxejn ta' taħbil il-moħħ għal min jieħu sehem fiha.**

Għandkom bżonn: Ftit Karti Vojta; Lapes; u Telephone Directory.

**Kif issir:** Sib fuq id-Directory paġna 108, u studja bl-amment il-kunjom, l-inizjali ta' l-isem (per eżempju, E, P, G) li hemm warajh, u l-indirizz, tad-disa' linja tat-tlett kolonni f'dik il-paġna. Jiġifieri, mhux il-kunjomijiet u l-indirizzi tal-paġna 108 kollha tridu titgħallmu bl-amment, iżda dawk li hemm meta tgħoddu disa' kunjomijiet minn fuq ta' kull kolonna, fejn inthom issibu li hemm tlett kolonni f'dik il-paġna. Mela, tgħallmu d-disa' wieħed ta' kull kolonna, u meta tkunu ċerti li ma tħawwduhomx, agħmlu l-logħba.

**Kif tippreżentaha:** Sejjaħ wieħed/waħda mill-udjenza, u agħtih il-lapes u karta. Itolbu biex jikteb tlett numri fuq il-karta, li ta' l-aħħar ikun iżgħar minn ta' l-ewwel.

Eżempju – 643. Issa għidlu biex dan in-numru jaqilbu, u naturalment jiġi 346. Għidlu jnaqqas iż-żgħir (346) mill-kbir (643) u r-riżultat jiġi 297.

Issa, għidlu sabiex dawn in-numri jaqlibhom, jiġifieri 297 jiktibhom 792, u jgħoddhom flimkien. Ir-riżultat fuq il-karta jiġi jaqra 1089.

Agħtih id-Directory, u itolbu jsib il-paġna ta' l-ewwel tlett numri tan-numru li għandu fil-karta, li naturalment ikun 1089. Il-persuna tiftaħ id-Directory u ssib il-paġna 108 (l-ewwel tlett numri tar-riżultat tagħha 1089).

Fl-aħħarnett, itlobha sabiex l-aħħar numru fir-risposta tassomma li għandha fuq il-karta, (li inti taf li jkun 9), tagħżel waħda mit-tlett kolonni tal-paġna, tiktibha fuq il-karta, per eżempju: Kolonna 2, titwi l-karta u tpoġġiha fuq il-mejda. Itlobha sabiex f'dik il-kolonna li tkun għażlet fid-Directory, tinżel minn fuq l-isfel l-aħħar numru tarrisposta tas-somma (li jkun 9). Min ikun qiegħed jieħu sehem, naturalment, jaqbad it-tieni kolonna tal-paġna 108, jibda jgħodd minn fuq għal isfel sakemm jasal fuq id-disa' kunjom (għax in-numru jkun 1089), u inti bil-mod il-mod, għax tkun taf dak il-kunjom u l-indirizz bl-amment, tgħidlu x'inhu.

* * *

**Eżempju ieħor:** tinsewx li r-risposta tkun dejjem 1089.

In-numru li tagħżel il-persuna li titla' ħdejk ikun 734 (Għidilha li l-aħħar numru jrid ikun bilfors iżgħar minn ta' l-ewwel).

Taqilbu u tnaqqas min-numru li għażlet: mela 734 jiġi 437 u meta jitnaqqas minn 734 jiġi 297.

Taqilbu (297 jiġi 792) u meta tgħoddhom jiġi 1089.

L-ewwel tlett numri huma 108, (il-paġna fid-Directory), u l-aħħar numru 9, (l-isem u l-indirizz fil-kolonna).

**FULLY BOOKED?**

Segretarja: "Jiddispjaċini, sinjur, il-Ministru ma jista' jara l-ħadd illum."

Raġel: "Imma ... imma jien għandi l-appuntament għal-lum."

Segretarja: "Xorta waħda mhux se jarak ... għax kisser innuċċali!"

**FHIMTA?**

– Pulizija: "Numru tal-bieb, triq, u fejn toqgħod."

– Ġuvnott: "Triq il-għorfa, Munxar."

– Pulizija: "Numru tal-bieb?"

– Ġuvnott: "Wieħed u sittin mit-triq, u ... dsatax minn fuq il-bejt!"

# XOGĦOL FIL-KNISJA TA' SAN PUBLIJU L-FURJANA

Minn LORENZO ZAHRA

**Tassew li l-Knisja ddedikata lil San Publiju, l-ewwel Isqof ta' Malta, hija waħda mis-sbieħ – kemm għal dik li hi arkitettura, kif ukoll għal xogħol ta' dekorazzjonijiet fiha. Hija tassew ta' ġmiel u tpaxxi l-għajn ta' min iħares lejha, kemm meta tħares minn barra kif ukoll minn ġewwa. Iżda meta nħarsu lejn dan it-tempju irridu niftakru li biex twassal għal dan il-ġmiel, għaddew żminijiet differenti u x-xogħol ma sarx kollu f'daqqa waħda.**



*Il-Knisja Arċipretali tal-Furjana, milquta bil-bombi ta' l-għadu, it-Tlieta, 28 ta' April, 1942.*

It-tempju oriġinali kellu bidu proprju fit-2 ta' Awissu 1733 meta tqegħdet l-ewwel ġebla u wara li x-xogħol mexa ġmielu u tlesta tempju għas-servizz naqsu l-flus u x-xogħol inżamm għal xi żmien. Fis-sena 1771 iżda reġa' sar ix-xogħol tal-faċċata li tbiddlet ma' dik li kienet saret fil-bidu. Għal darb'oħra fis-snin 1781-1784 reġa' sar aktar xogħol u għal dan ix-xogħol kien sar ġbir apposta. Kien żmien wara, cioe fis-sena 1858 meta reġa' beda xogħol ieħor biex titkabbar il-knisja. Dan sar proprju wara xi tnax-il sena li kienet ilha li saret parroċċa.

Dan l-aħħar waqt li kont inqalleb xi manuskritti fil-Bibjoteka ta' Malta ġie f'idejja ktejjeb ta' notamenti dwar id-dħul u ħruġ ta' spejjeż li saru meta sar xi xogħol fil-Knisja msemmija fis-snin 1781-84. U ngħid is-sewwa ħadt xi notamenti bil-għan li 'l quddiem inxandarhom biex xi ismijiet ta' dawk li ħadmu biex sebbħu dan it-tempju ma jibqgħux minsija.

Bla ma nidħol f'dettalji ta' kemm ġabru u kemm intefqu, irrid iżda nsemmi ismijiet ta' dawk li isimhom jidher imniżżel f'dawn in-notamenti. Jidher illi kien hemm xi wħud li kienu jieħdu ħsieb il-ġbir u ta' kull xahar jippreżentaw l-ammont li jkunu ġabru. Fost dawn insibu lil Paolo Borg, Andrea (bla kunjom) milli jidher dan kien magħruf biżżejjed b'ismu) Gejtu Mangion u Gejtu Buttigieg. Isimhom jidher spiss dawn. Jissemma wkoll Xmun tat-Tabakk li wkoll kien jirsisti għall-ġbir.

Ma' dawn jidher ġbir ieħor partikulari. Dak li kien isir minnaħa tad-Dwana. Jidher li lejn id-Dwana dejjem kien hemm ġibda lejn l-imqaddes San Publiju. Tgħid mhux dan kien li wassal biex mal-kantuniera tad-Dwana tqegħdet għall-qima statwa lil San Publio. Iva fejn id-Dwana kienet kaxxa għall-ġbir għax-xogħol tal-Knisja li fin-notamenti hemm imniżżel dak li kien jinġabar. Għandi naħseb jien li kienet fejn issa hemm l-istatwa li għadni kemm semmejt, u rrid nikkonkludi li meta tlestiet il-knisja minn dak il-ġbir seta' baqa' xi ħaġa biex permezz tagħha saret l-istatwa tal-ġebel. Għalhekk bix-xieraq li xi qalb tajba Furjaniża ta' kull sena żżejjen lil dik l-istatwa fil-jiem tal-festa għax għandha rabta mat-tempju Furjaniż.

## □KAXXI GĦALL-ĠBIR

Kien hemm ftit 'il bogħod minnha kaxxa oħra. Din kienet taħt il-Mina tal-Kurċifiss. Għax fejn issa hemm dik in-niċċa storika tal-Kurċifiss kien hemm mina u taħtha kienet kaxxa għall-ġbir tal-knisja. Dan kien isir għax ix-Xatt tal-Belt għandu naħa mniffda mal-Furjana li minnha kienu jgħaddu dari l-ħaddiema lejn ix-xatt. Hekk dik ix-xi ħaġa żgħira li kienu jitfgħu fil-kaxxa kienet ta' għajnuna ġmielha għall-Knisja. Fil-Belt Valletta kien hemm kaxxa oħra għall-ġbir. Din kienet fejn il-Knisja tal-Madalena, cioe fejn issa hemm il-Laboratorju tal-Università.

Xi drabi kien hemm min jagħti xi ħaġa partikulari bħal xi tapit sabiħ, jew xi biċċa drapp. Minn dawn kien isir xi mezz li jissarfu. Ma nafux kienux isiru primus-trat. Jidher li la darba l-knisja ta' San Publio ħarġet minn dik ta' San Pawl tal-Belt, in-nies ta' diok il-parroċċa ma kienux jonqsu jagħtu sehemhom. Infatti fl-eżerċizzi tar-Randan kienet issir ġabra speċjali għax-xogħol tal-Knisja ta' San Publio. Il-Patrijiet Franġiskani tal-Kappuċċini tal-Furjana wkoll, għalkemm kienu fqajrin sew, ma kienux jonqsu li fl-eżerċizzi wkoll kienu jieħdu ħsieb ġbir għall-knisja parrokkjali tagħhom fil-Furjana.

Ma' dawn il-mezzi prinċipali ta' ġbir kien ikun hemm ukoll xi benefatturi bħall-avukat Gejtu Grima, Ferdinando De Melo, Francesco Rossi, Noe Borg, Fabrizio, u xi oħrajn.

Meta nagħtu daqqa t'għajn lejn **l-ezito** (il-Ħruġ jew l-Infieq) ninnutaw ismijiet mhux biss ta' dawk li tħallsu u kemm tħallsu, imma wkoll ta' dawk li ħadmu ċerti xogħlijiet ta' arti li żejnu t-tempju ta' San Publio. Iżda l-aktar li wieħed jinnota hawn huwa l-infieq żgħir li kien isir, imma ta' spiss, huwa dak tal-quddies għall-benefatturi. U dan bix-xieraq li wieħed juri ħajr l-Alla biex hu jitfa' aktar ġid fuq dawk li joffru xi ħaġa għal għajnuna biex jissebbaħ it-tempju t'Alla.

L-aktar isem li jissemma spiss u għalhekk ħadem ħafna xogħol ta' skultura u dekorazzjoni kien

• *ikompli f'paġna 23*




CANDEREL® The Revolutionary Low Calorie Sweetener

SEARLE Distributor: Associated Drug Company Ltd., P.O.Box 252, 168, Christopher Street, Valletta, Malta.

# FIRM P. CAMILLERI

***GENERAL COFFEE DEALERS***

136, 139, 142,
ST. NICHOLAS STREET,
VALLETTA

TEL: 224116 – 603449 – 339772



# J. BALDACCHINO & CO. LTD.

**'DAR NINU', GUDJA-GĦAXAQ BYPASS, GĦAXAQ**

**TELEPHONE: 878013/878616** **TELEX: 1610 JOPABA MW.**

***SUPPLIERS OF:***

**• REINFORCING AND STRUCTURAL STEEL • MERCHANTS BARS • WIRE ROD • BILLETS • W.F. BEAMS AND JOISTS • PLATES • SHEETS AND HOLLOW SECTIONS • SPECIAL COLD FORMED PROFILES • CALVANISED PLAIN/CORRUGATED SHEETS • FLOAT GLASS CLEAR/COLOURED • FIGURED GLASS • GLASS BLOCKS • VETROTEX FIBREGLASS MATING AND ROVING • WELDED, SEAMLESS AND DUCTILE STEEL TUBES • WELDING ELECTRODES • ZINC AND LEAD IN INGOTS • HELLENIT ASBESTOS CEMENT PRODUCTS • ALUMINIUM PLAIN/CORRUGATED SHEETS AND PROFILES • BITUMEN ROOFING FELTS • COAL TAR PITCH AND REFINED TAR • INDUSTRIAL CHEMICALS • GENERAL HARDWARE**

Laqgħa Ġenerali Annwali
– Il-Ħadd, 25 ta' Mejju, 1986

# MILL-GĦAQDA PENSJONANTI TAL-PULIZIJA

## Rapport, Kummissjoni Morda

**•REĠGĦET għaddiet sena minn mindu ltqajna l-aħħar darba, u l-Kummissjoni Morda kompliet bil-ħidmiet tagħha fejn, fost l-oħrajn, għamlet żjarat fid-djar tal-membri anzjani morda kif ukoll fl-isptarijiet u istituti tal-Gvern. Nieħdu pjaċir ngħidu li kemm il-membri sħabna morda kif ukoll il-familjari tagħhom ħadu pjaċir b'dawn iż-żjarat u ma naqsux li juru l-gratitudni tagħhom għal danil-mod ġeneruż li l-Kummissjoni tiddedika fil-ħin liberu tagħha versu dawn l-anzjani. L-għotja tas-soltu rigal lil dawn sħabna morda hija turija ta' kemm huma għal qalbna u maħbuba minn kulħadd.**

Minkejja d-diversi appelli li l-Kummissjoni Morda għamlitilkom sabiex tinfurmawha b'xi każi ġodda ta' pensjonanti "bedridden" jew li ma jkunux jifilħu joħorġu barra minħabba l-età venerabbli tagħhom u/jew kaġun ta' xi nfirmita oħra, ir-rispons kien wieħed fqir ħafna, u l-Kummissjoni kellha tkun taf b'xi wħud minn dawn it-talin mill-istess anzjani morda li huma nkapaċi joħorġu waħidhom mid-dar tagħhom. Għal dawk li jidħlu f'xi sptar għall-anzjani, il-Kummissjoni Morda ħasbet biex tiġbor din l-informazzjoni mill-awtorità ta' l-isptar.

Għall-informazzjoni tagħkom, membru anzjan tal-Għaqda tagħna rikoverat ġewwa l-Kumpless ta' Ħaż-Żmien, kien fost dawk li ġew magħżula mill-Welfare Committee imwaqqaf taħt l-Att tal-1956 dwar l-Għajnuna Soċjali (Art. 23), u li bħalma tafu, membru tal-Għaqda tagħna huwa rappreżentant ta' dan il-Kumitat, sabiex, flimkien ma' "inmates" oħra, jgħaddu disat ijiem vaganza, kollox imħallas, ġewwa Ruma bejn is-26 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru, 1985. Hemm kellu l-opportunità li jżur il-Belt tal-Vatikan, il-Basilica ta' San Pietru, Ostia, Nettuno, Assisi, Tivoli, Pompei (Napli) u bosta postijiet oħra ta' interess fost il-ħarġiet kulturali li l-grupp ġie meħud. Saħansitra huma ġew mogħtija flus biex jixtru souvenirs.

S'intendi, dan il-Welfare Committee, ma naqasx li jqassam lill-membri anzjani tagħna ġewwa Ħas-Serħ u Ħaż-Żmien, bil-Hampers tal-Ikel ta' kull xahar, bir-rigali fil-Birthday tagħhom, fi żmien il-Milied, bil-Figolli fl-Għid, b'kaxxi tal-gallettini, ċikkulata, sigaretti u affarijiet utli għalihom f'okkażjonijiet oħra. Il-mawriet madwar il-portijiet tagħna bil-laneċ fi żmien is-sajf, ikliet barra mill-isptarijit, wirjiet ċinematografiċi, operetti, u attivitajiet rikrejattivi oħra fiċ-Ċentru Mediterran għall-Kungressi, ma naqsux.

Il-Kummissjoni Morda tħoss li s-suċċess tal-ħidma tagħha jirrifletti l-interess tal-membri tal-Għaqda li lkoll ħadmu u stinkaw sabiex jaraw li l-morda sħabna ma jkunux iżolati. Il-lum, għall-grazzja t'Alla, spiċċat l-istigma li għax tinsab pensjonant mill-Pulizija, kbirt fl-età, ma toħroġx mid-dar jew għax mitfugħ ġewwa sodda jew ġewwa xi sptar, allura inti mormi, inti minsi, inti spiċċajt mid-dinja. Le, illum l-Għaqda tagħna taċċetta lil dawn sħabna bħala parti minna, u fejn tista', tmur tfiċċhom sabiex tara li dawn ma jkun jonqoshom xejn u li tagħmel l-almu tagħha kollu biex tgħinhom f'dak kollu li huma jkollhom bżonn.

Fl-aħħarnett, nagħlaq billi ngħid "grazzi" minn qalbi lil kull min għen jew qiegħed jgħin ħalli aħna ngħinu lil sħabna pensjonanti morda.

JOE M. BORG,
Membru, Kummissjoni Morda.

## Kunsill 1986-88

**Fil-Konferenza Ġenerali li saret fil-25 ta' Mejju, 1986 fil-Police Social Club, ġew maħtura l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill, għas-snin 1986-1988.**

Presidenti Onorarji: Dr. Lawrence Pullicino, LL.D., Kummissarju tal-Pulizija.
Mr. Carmel Bugeja.

President: **Lorry Muscat.**
V/President: **Joe M. Borg.**
Segretarju: **Ġiġi Muscat.**
Asst. Segr.: **Joe C. Gauci.**
Segr. Finanzi: **Vincent Zahra.**
Membri: **John B. Azzopardi; Joseph Monreal; Nazareno Gouder; George Bristow, Gerald Galea; Raymond Henwood McKeon; Willie Williams.**

## Kummissjoni Entertainment

**Rapport ta' l-attivitajiet li ġew organizzati matul dawn l-aħħar sentejn.**

Il-Kummissjoni u l-helpers iltaqgħu 10 darbiet biex jiddiskutu l-programmi ta' l-attivitajiet li jkunu sejrin jorganizzaw.

Il-Kummissjoni flimkien mal-helpers tagħha ħadmu u stinkaw biex jorganizzaw diversi attivitajiet rikrejattivi b'risq il-membri.

Hija xewqa kemm tal-Kunsill u kemm tal-Kummissjoni li l-membri għandhom jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet biex l-iskop li għalih jiġu organizzati jintlaħaq.

L-attivitajiet li ġew organizzati:-

Get together 2; Shows 2; Ħarġa ta' jum bil-karozza 3; High Tea

3; Kompetizzjoni tal-Karnival 2; Ħarġa għal Għawdex 1; Dinner Dance 2; Hobbies Exhibition 1; Fund Raising Show 1; Bazaar 1; Lotterija 2.

Il-Kummissjoni tixtieq tgħid li dawn l-attivitajiet huma ta' nkoraġġiment biex il-membri barra li jkollhom ħin ta' rikreazzjoni huma mezz biex jinġabru fondi biżżejjed biex ikunu jistgħu jinxtraw dawk il-ħtiġijiet neċessarji għall-istess membri.

Il-Kummissjoni tirringrazzja lill-helpers u tapprezza l-ħidma siewja li għamlu matul dawn is-sentejn, kif ukoll lill-Kunsill li dejjem ta' l-approvazzjoni tiegħu għal dawn l-attivitajiet u mhux inqas lill-Kummissarju tal-Pulizija Dr Lawrence Pullicino LL.D., li ta kull għajnuna biex l-attivitajiet irnexxew b'suċċess.

GEORGE BRISTOW,
Kummissjoni Entertainment.

## Delegati għall-Klabb

**Id-delegati li qegħdin fil-Kumitat tal-Klabb, iltaqgħu 7 darbiet, 4 minnhom mal-Kummissarju tal-Pulizija, ġew diskussi diversi ħidmiet li jirrigwardjaw lill-Klabb. Fost kollox saru diskussjonijiet fuq l-uffiċċju tagħna biex jitħaffef ix-xogħol biex l-għaqda tibda tiffunzjona mill-aktar fis possibbli. Kif fil-fatt sar.**

Saru diskussjonijiet ukoll biex il-membri jkunu jistgħu jużaw il-games room bil-faċilitajiet li toffri; għalhekk hemm il-ħsieb li jinxtraw affarijiet tal-logħob bħal ma huma:- draught, chess, darts, u logħob ieħor, wieħed isib ukoll American Pool għal mogħdija taż-żmien.

Hemm il-ħsieb li tiġi organizzata Tombla kull nhar ta' Sibt, li kienet popolari ħafna mal-membri. Kif ukoll 'il quddiem jiġu organizzati attivitajiet kemm rikreattivi u kemm soċjali.

Hemm il-possibilità li l-games room tinżamm miftuħa matul fil-għodu, għall-inqas mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m.

Fuq ħafna lmenti li saru minn diversi membri rigward il-prezzijiet tad-drinks ġie deċiż li dawn għandhom jinżamm kif hemm spjegat fiċ-ċirkulari 1/86, jiġifieri:- Tea Pot 10c., Minerali 10c., Whisky (grokk) 25c., Meals (3 course) Lm1.70.

Id-delegati jirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kumitat tal-Klabb, li dejjem taw il-koperazzjoni tagħhom biex l-għan tal-Klabb jintlaħaq.

LORRY MUSCAT,
Delegat tal-Kumitat.

## Board Editorjali/PRO

**Bħal ma jaf kulħadd, il-membri tal-Board Editorjali/PRO, dejjem taw il-kontribut tagħhom fil-magażin 'Il-Pulizija' fejn il-ħidma tal-Kunsill u l-attivitajiet mill-kummissjonijiet, dejjem ġew irrapportati sodisfaċentement.**

Dawn l-Uffiċjali ppruvaw jagħmlu xi laqgħat mal-Board Editorjali tal-magażin 'Il-Pulizija', rigward ir-ritratti tal-mejtin li kienu jiġu pubblikati f'dan il-magażin, iżda għal xi raġuni dawn il-laqgħat ma sarux.

Wieħed irid jieħu nkonsiderazzjoni li dan il-magażin mhux l-organu ta' l-Għaqda, iżda sempliċiment ġiet offruta lilna l-faċilità, biex leħen il-pensjonant jiġi ppublikat f'dan il-magażin, u ta' dan nirringrazzjaw lil kull min ħa sehem biex din il-publikazzjoni sseħħ.

Il-Kunsill flimkien mal-membri konċernati f'dan ix-xogħol, qegħdin jistudjaw biex jaraw tinstabx xi soluzzjoni biex nissodisfaw ix-xewqa ta' ħafna membri.

Wieħed jista' jgħid, bħala prova, li hemm il-ħsieb li fi żmien qarib se jibda jiġi ppubblikat xi forma ta' leaflet, kull xahrejn, li jiġi mqassam lill-membri mal-magażin 'Il-Pulizija', li fih jiġu miġbura r-ritratti tal-membri mejta. Hemm il-ħsieb ukoll li jibdew isiru l-intervisti lill-pensjonanti anzjani, bħal ma kien isir qabel. Sintendi dawn jiġu publikati.

Kull wieħed minnha għandu japprezza din il-ħidma, li trid ħafna ħin u enerġija biex dan l-iskop jintlaħaq. Għalhekk nappella lill-membri biex jagħtu l-għajnuna billi jidħlu fl-interess u jużaw il-pinna tagħhom, biex il-membri sħabna jkollhom dak is-sodisfazzjon li jaqraw il-kitba tal-pensjonanti bħalhom.

Ringrazzjament imur l-ewwel għall-Kummissarju tal-Pulizija u għal kull min ta l-kontribut tiegħu biex ix-xewqa tal-membri sseħħ.

ALFRED DEBATTISTA,
P.R.O.

# Xogħol fil-knisja ta' San Publiju

ikompli minn paġna 21

dak ta' Pietru Saliba. Infatti dan ħadem ħafna mill-kapitelli, kif ukoll skultura fil-ġebel fid-diversi kappelluni. Infatti ħadem fil-kappellun ta' Santa Lucija, ta' Sant Antnin, ta' San Vinċens, ta' Sant Anna ta' San Kalċedonju kif ukoll f'Tal-Kurċifiss. Huwa mhux biss ħadem il-kapitelli, gwarniċar u dekorazzjonijiet oħra imma wkoll ħadem fit-twieqi.

Kien sar xogħol ta' tibjid u invjar. Għal dan kien indaħal Duminku Bonnici u ibnu. Xogħol ieħor ta' intall fil-kappelluni ta' Sant Anna u f'dik ta' San Vinċenz kien sar minn Francesco Scolaro. Silvestru Casha kien li ħadem xi induratura għal kwadru ta' San Franġisk filwaqt li Salvu Spiteri kien ħa ħsieb ukoll induratura fil-kappellun tal-Kurċifiss.

Għal xi xogħol ta' bini kien tħallas Maestro Albertu li miegħu kellu xi lavranti, iżda ma jidhrux dettalji dwar ix-xogħol li ħadem.

Isem Salvu Bonnici jidher għax-xogħol ta' pittura li għamel fil-kwadru ta' San Franġisk. Huwa jidher li tħallas ukoll għax-xogħol fl-artal tal-Kurċifiss. Kien ċertu Mastru Franġisku li ħadem xogħol ta' skultura fil-kappellun ta' San Franġisk.

Ħdejn il-Knisja kien hemm ukoll iċ-Ċimiterju. Anke f'dan il-post kienu saru xi xogħlijiet għax fl-esito jidhru xi spejjeż kienu ntefqu f'dan iċ-ċimiterju. U għal dawn kien tħallas Beninju Mercieca u miegħu kien hemm ukoll Mikiel Farrugia li tħallas għax-xogħol tal-ħadid li għamel.

Hekk jidher li l-flus miġbura bin-naqriet, issarfu f'xogħlijiet perenni li jżejnu t-tempju tal-Imqaddes Publio, l-ewwel Isqof ta' Malta, għall-glorja t'Alla, kif ukoll biex tissebbaħ Malta tagħna bit-tempji manifiċi fix-xogħlijiet ta' id il-ħaddiem Malti.

# SEROLOGY: BODY FLUID IDENTIFICATION

**A forensic serologist conducts examinations on exhibit material to confirm the presence of stains caused by body fluids. Where body fluids have been found, further tests are conducted in an attempt to identify blood group factors. The blood group factors identified are then compared with those factors identified on other exhibit material and with known standards to indicate that these are from the same origin.**

*BY*
*PC 765*
*S. ATTARD*

The three most common body fluids examined are blood, semen and saliva. Evidence from blood typing factors may be used to:-

(a) corroborate or disprove statements;

(b) assist in the reconstruction of the chain of events; and

(c) positively exclude a particular person as the source of the blood, semen or saliva.

Blood group evidence cannot be used as a fingerprint to identify a person to the exclusion of all other people, however, all other people with different blood types can be excluded as possible sources of the body fluid.

Some confusion exists with blood typing systems. Each blood typing system categorizes certain variation in a particular substance found in the blood or other body fluid. The terms 'group', 'type', 'factor', 'genetic marker' and 'phenotype' all mean essentially the same and are expressions of the various forms of a substance in a population. The particular 'type', 'group' or 'factor' within each system is genetically controlled (a contribution from each parent) and retained throughout life.

More research has been done on identifying genetic markers in blood than in other body fluids. As a result, more is known about the existance of genetic markers in blood than about such markers in semen or saliva. Thus the number of systems where factors are identified is usually greater for blood than for semen or saliva.

## □ TYPES OF EXAMINATION

1) Exhibits are examined for blood which could have come from the victim.

2) Exhibit material is examined for blood which could have originated from the accused. The accused may have bled as a result of injury or accident incurred during the incident in question.

3) Sexual assault investigations involve examinations for semen as well as blood. The type of exhibits received usually include swabs taken during medical examination, clothing from the victim and articles from the scene.

4) Examinations are conducted for saliva on such exhibit material as swabs from breasts, masks, gags, bedclothes, and articles of clothing. The results of these examinations can be used to corroborate other testimony.

## □ RESULTS

1) If two samples of blood (semen, saliva) are not the same in all typing systems used, then each sample must have originated from a different person.

2) If two samples have the same factors in all typing systems used, there are two possible explanations:-

(a) the two samples originated from the same person; and

(b) the two samples originated from different people but match by chance.

3) Body fluids are perishable biological substances and some degredation occurs from the time the fluid leaves the body until it is analyzed. Systems break down and become unsuitable for analysis.

Some of the factors that affect degredation are:

## □ (a) DRYING

Bloodstains that are dried retain many more typing factors than those that are not dried. Plastic bags are often used to package exhibits. When an exhibit is placed in a plastic bag while still moist or wet, micro-organisms grow quickly and destroy potential evidence. When air is allowed to pass through the packing material (eg. porous envelopes) the creation of a humid atmosphere is prevented and this will greatly reduce degredation by moulds and other fungi. Important never store blood in plastic bags.

## □ (b) AGE

Even when stored in porous packing, the more delicate enzymes present in blood will have a shorter lifetime. Thus it is imperative that exhibits be correctly stored and forwarded to the investigating Laboratory within the shortest possible time.

## □ (c) FOREIGN SUBSTANCES

Substances may be present on the exhibit material that interferes with testing. A common example is commercially laundered sheets such as found in hotels. They may be very white but due to an excess of bleach and detergent, grouping results are often inferior to those obtained from an old sheet that has never been washed.

4) Three results that often could be of assistance to investigators and prosecutors but cannot be provided are:

(a) the age of the stain: generally, if a number of grouping systems work, the stain is likely recent in terms of months. However, to determine age within a period of a few days is not possible at this time.

(b) time elapsed since sexual intercourse.

(c) the sex of the originator of the bloodstain: a reliable test for determining sex from dried stains is not available at this time.

To conclude, body fluid identification is a long study of what is left at the scene of crime which is later exhibited in court. This study is a very complicated one executed by the Police Forensic Laboratory, which helps to establish evidence and the detection of crime.

# Espert tat-trobbija tal-klieb isib li

# ANDREWS

# ACTIVATOR EASY MIX

## hu l-aħjar ikel għall-klieb tiegħu.

"Għalija dejjem kienet problema u wġieħ ta' ras kbir x'sejjer nitma t-tnax il-kelb tiegħi li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma Italian Greyhounds u tal-But. Fl-aħħar irnexxieli nsib is-soluzzjoni "New Activator Easy Mix" — prodott ta' Andrews Feeds (Malta) Ltd. Dan il-prodott faċli tippreparaħ. Fil-kas tiegħi u ta' dawk li għandhom il-klieb kbar, ikun aktar ekonomiku kieku dan l-ikel jitħallat ma' 'dog biscuits' jew ma' għaġin mgħolli, In-New Activator Easy Mix hu magħmul mil-laħam, għadam, wheatgerm, ħut, vegetable oil u vitamini oħra u għandu konċentrazzjoni għolja ta' proteini meħtieġa għas-saħħa tal-klieb tiegħi".



Mr. L.T. Fsadni






*In-New Activator Easy Mix Dog Food issibuħ għand il-ħwienet ta' l-annimali.*

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LIMITED**

*Telephone: 621735/627202/226970*


CISK
LAGER
BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
CISK
CONTENTS
28.5 cl
O.G.
1040-44°
LAGER
That something
special
A quality beer from FARSONS

 mis-Surġent R. Cilia 

**FOOTBALL**

League tal-Football għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali 1985-86.

Division II

**•Il-parteċipazzjoni tat-team tal-Pulizija f'dan il-league tal-football għal din is-sena bdiet bl-ewwel logħba fid-19 ta' Novembru, 1985, fil-ground tal-Marsa. It-team tagħna lagħab kontra t-team tal-Education Dept. li b'team żagħżugħ ħareġ rebbieħ b'goal uniku fit-tieni taqsima tal-player tagħhom Kevin Axiaq.**

Wara li fid-9 ta' Diċembru, 1985, kellna logħba mħassra minħabba l-kundizzjoni ħażina tal-ground kontra l-PWD, lagħabna żewġ logħbiet oħra fix-xahar ta' Jannar, 1986, kontra l-M.A.F. u l-Mid-Med Bank li fiż-żewġ okkażjonijiet il-partiti spiċċaw bi draw ta' bla goals.

Għal-logħba ta' wara t-team tal-Pulizija ħa walk-over kontra t-team tal-E.M.W.D. u għalhekk it-team tal-Pulizija ħa ż-żewġ punti tal-logħba.



*It-team tal-Mobile Squad tal-Korp tal-Pulizija*

**PULIZIJA ........................ 0**
**MID-MED BANK .............. 0**

Iż-żewġ teamijiet offrew oppożizzjoni qawwija lil xulxin fejn tista' tgħid li ż-żewġ teamijiet kellhom half time kull wieħed fejn fl-ewwel half it-team tal-Mid-Med Bank gawdew superjorità fuq it-team tal-Pulizija bir-riħ favur tiegħu u għat-tieni half it-team tal-Pulizija rrisponda tajjeb billi bena attakki tajbin lejn il-lasta avversarja. Ħasra għaż-żewġ teamijiet li għall-volum kbir ta' xogħol li wettqu kien jimmerithom xi ħaġa aħjar, fejn sabu liż-żewġ goalkeepers attenti biex waqqfu kull attentat lejn il-lasti rispettivi, biss meta ma jaslux il-goals ir-riżultati lanqas ma jaslu. Minkejja r-riħ qawwi li f'mumenti beda jaħkem sewwa l-interess għall-punti sew minn naħa sew minn oħra għamel il-konfront pjuttost interessanti.

Intant fit-tielet minuta tal-ewwel taqsima xutt tajjeb ta' J. Buttigieg minn barra l-kaxxa l-kbira ġie mdawwar għal corner minn fuq il-lasta mill-goalkeeper PC217 P. Dibbon. Fl-għaxar minuta r-referee A. Briguglio li kellu partita tajba wera l-karta s-safra lil PC607 J. Camilleri talli pprotesta kontra d-deċiżjoni tiegħu. Il-partita kompliet bit-team tal-Mid-Med Bank juri superjorità fuq it-team tal-Pulizija sakemm fil-21 minuta ġie ċans tajjeb ta' skor meta wara taħwida quddiem il-lasta difiża



*It-team tal-Pulizija qabel waħda mill-impenji tiegħu fil-League Parastatali*



*Formazzjoni tat-team t'Għawdex tal-Pulizija*




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# THE WORLDWIDE WELCOME





John's Garage LTD.

YOUR GATEWAY TO EUROPE

europcar



Dulur... wieħed mill-partitarji li safa' vittma taċ-ċelebrazzjonijiet ta' ferħ waqt il-World Cup '86.



Ferħ... l-istilla tal-Mundial '86, Maradona, jbus l-ogħla unur fil-football internazzjonali... il-FIFA World Cup.

# *MEXICO '86:* ISSA LI NIZEL ID-DENI

☐ Bla dubju ta' xejn, it-Tazza tad-Dinja '86 kienet, – f'dak li jirrigwarda logħob tal-Football, waħda li ma kienux nieqsa s-sorpriżi. Min jgħid ħaġa, u min jgħid oħra, kulħadd għandu raġun, dak iwaħħal f'dak, u... insomma, kulħadd jaf minn x'hiex għaddejna.

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-Magazine, aħna tkellimna rigward il-miżuri kbar ta' sigurtà li kienu ġew ippreparati fil-Messiku, l-apparat u vetturi li kienu għal-lest f'kasż li jinqalgħalhom l-istorbju. U kif tafu daqsi, storbju inqala'.

Waqt il-logħob tat-Tazza tad-Dinja, ta' kuljum konna naqraw u nisimgħu bl-inċidenti vjolenti li kienu ta' kuljum qegħdin jiġru fil-Messiku, u ċan minkejja l-isforzi kbar li saru mill-Awtoritajiet sabiex ma jkunx hemm inċidenti fatali. U dawn l-inċidenti mhux kollha kienu dovuti għall-fatt minħabba d-dimostrazzjonijiet ta' ferħ mill-partitarji tat-team rebbieħ.

Fil-21 ta' Ġunju, wara t-telfa li sofra t-team Brażiljan ma' Franza, ħames persuni mietu, wieħed b'tir ta' pistola, u erba'... b'attakk f'qalbhom. Mitt persuna oħra ġew ikkurati minħabba problemi tal-qalb.

Ftit jiem qabel, fis-16 ta' Ġunju, tlettax-il persuna tilfu ħajjithom – tnejn b'tiri ta' pistoli, u l-oħrajn ħarġu jduru jdoqqu l-ħornijiet tal-karozzi jiċ-ċelebraw ir-rebħa ta' 2-0 li t-team tagħhom Messikan għamel fuq il-Bulgarja, u filwaqt li t-team tagħhom il-Messiku reġa' daħal il-Groung tal-Football għall-impenn li kien imissu, dawn malajr sabu ruħhom iċ-Ċimiterju wara li tfarrku bil-karozzi. Dak inhar stess ta' dawn l-inċidenti, il-Pulizija Messikana arrestat aktar minn 100 persuna, filwaqt li ġew irrapurtati mal-150 serqa. Waqt id-dimostrazzjonijiet ta' ferħ, (u biki), il-Pulizija kkonfiskat mas-70 arma minn fuq diversi persuni.

Dawn kienu ftit mill-inċidenti li l-Pulizija Messikana kellha tħabbat wiċċha magħhom f'avveniment sportiv. Pajjiż li kien ippreparat għal dawn ix-xorta ta' irvellijiet – għax wara kull logħba ċ-ċelebrazzjonijiet daru f'irvellijiet, il-Pulizija kellha tirrikorri għall-pompi ta' l-ilma, gass tad-dmugħ, u kull mezz li tagħtiha l-liġi sabiex ferrxet partitarji opposti milli jitqatlu u jfarrku aktar milli għamlu.

F'pajjiżna wkoll doqna daqsxejn (!) mill-eċċitament tal-logħob tat-Tazza tad-Dinja '86. Għall-mument, bosta kienu dawk li nsew li pajjiżna – Malta, ma kienetx qegħda tieħu sehem fil-Messiku, u tfixkilna f'xulxin nisimgħu l-kliem "aħna" u "intom". Smajna familji jilletikaw bejniethom, min ried jara l-"logħba", u min ried jara "Dynasty". Insomma, minn kollox kien fiha l-borma... staqsu lil-Pulizija Messikana!

## FOOTBALL

**•Ikompli minn paġna 25**

minn PC217 P. Dibbon, S. Micallef qassam lil W. Martin li waħdu quddiem il-goalkeeper għamel l-impossibbli u tefa' barra. Fl-aħħar għaxar minuti ta' l-ewwel half it-team tal-Pulizija għamel reazzjoni u sforza tlett corners favur tiegħu li però minnhom ma rriżultaw xejn.

Għat-tieni taqsima t-team tal-Pulizija ħareġ aktar determinat u bir-riħ favur tiegħu reġa' sforza żewġ corners favur tiegħu fl-ewwel minuti ta' dan il-half. F'wieħed minn dawn il-corners mogħti minn PS509 J. Lentini daħal tajjeb PC366 E. Psaila li bir-ras niżżel il-ballun fid-direzzjoni ta' PC811 V. Busuttil li daħal bil-ġirja u fajjar xutt b'saħħtu bil-ballun jispiċċa ftit barra. Fid-9 minuta r-referee saffar għal foul tal-goalkeeper tal-Mid-Med Bank barra l-kaxxa l-kbira li nkariga ruħu minnu PC811 V. Busuttil li qassam lil PC607 J. Camilleri li b'xutt mill-ewwel ra l-ballun jiġi mblukkat mill-barriera. Fit-12-il minuta A. Borg daħal flok P. Spiteri għat-team tal-Mid-Med Bank. Ftit wara ħarba sabieħa mid-difiża ta' PC607 J. Camilleri li baqa' tiela' sal-lasta avversarja però x-xutt finali tiegħu mar għoli. Hawnhekk il-logħba naqqset xi ftit mir-ritmu tagħha biż-żewġ teamijiet jibżgħu minn xulxin u l-uniku azzjoni denja ta' nota kien xutt dirett min foul barra l-kaxxa l-kbira ta' J. Attard li PC217 P. Dibbon laqa' tajjeb.

**Formazzjonijiet:-**

Pulizija:- PC217 P. Dibbon, PC617 D. Camilleri, PS589 A. Deguara, PC366 E. Psaila, PC512 M. Ellul, PS509 J. Lentini, PC585 J. Calleja, PC601 F. Zammit, PC 607 J. Camilleri, PC559 A. Mulvaney, PC811 V. Busuttil. Res.:- PS500 L. Mallia, PC632 A. Galdes.

Mid-Med Bank:- J. Curmi, J. Bezzina, R. Cassar, D. Tortell, W. Martin, S. Micallef, W. Portelli, S. Pandolfino, J. Buttigieg, P. Spiteri, J. Attard. Res.:- J. Buttigieg, A. Borg, R. Casha, J. Farrugia, J. Grech.

Referee:- Tonio Brigulio.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# Open a Current Account with the Bank of Valletta






A current account with the Bank of Valletta saves so much time and trouble.

The Bank of Valletta is its only Bank in Malta that does not charge Ledger Fees.

Your money is safe and the signing of a cheque neatly covers bills and purchases.

For your convenience and safety –

**Open a current account with the Bank of Valletta.**

## Bank of Valletta Limited, Malta

*For a Better Service*